MT 2014

Nru 04

Rapport Speċjali

# Integrazzjoni tal-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma fi ħdan il-PAK: suċċess parzjali

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014

ISBN 978-92-872-0038-9
doi:10.2865/1630

© L-Unjoni Ewropea, 2014
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

MT 2014 Nru 04

Rapport Speċjali

# Integrazzjoni tal-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma fi ħdan il-PAK: suċċess parzjali

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Werrej




Paragrafu

Termini u abbrevjazzjonijiet

I – XI Sommarju eżekuttiv

1 – 14 Introduzzjoni

1 – 6 Ir-rabtiet bejn il-politika tal-UE dwar l-ilma u l-politika agrikola komuni (PAK)

7 – 11 Strumenti tal-PAK bil-potenzjal li jgħinu biex l-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma jiġu integrati fil-PAK

12 –14 Fondi tal-PAK b'impatt potenzjali fuq l-ilma

15 – 20 L-Awditu

15 – 17 Ambitu u approċċ tal-awditjar

18 – 20 Awditi preċedenti

21 – 79 Osservazzjonijiet

21 – 32 Dgħufijiet fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar l-ilma xekklu l-integrazzjoni tagħha fil-PAK

33 – 48 S'issa l-impatt tal-kundizzjonalità fuq kwistjonijiet tal-ilma kien limitat

34 – 39 Il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità għandu impatt iżda mhuwiex sfruttat bis-sħiħ

40 – 48 Dgħufijiet fl-applikazzjoni tal-kundizzjonalità

49 – 61 Il-potenzjal tal-finanzjament għall-iżvilupp rurali biex jindirizza kwistjonijiet dwar l-ilma mhuwiex sfruttat bis-sħiħ

52 – 55 Il-pjanijiet tal-Istati Membri għall-infiq tal-iżvilupp rurali mhux dejjem jieħdu kont tal-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-ilma

56 – 61 Il-finanzjament għall-iżvilupp rurali ma ntużax b'mod suffiċjenti bħala rispons għal kwistjonijiet tal-ilma

62 – 65 Il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas ma ġiex integrat fil-PAK

66 – 79 Sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ma jurux l-istampa kollha

# Werrej

80 – 87 Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Anness I — Mistoqsijiet tal-awditjar u kriterji użati għall-awditu

Anness II — Riżultati tal-istħarriġ: Bidliet prinċipali rrappurtati minn korpi konsultattivi għall-azjendi agrikoli wara l-introduzzjoni tal-kundizzjonalità

Anness III — Eżempji ta’ kwistjonijiet relatati mal-ilma li mhumiex koperti mill-kundizzjonalità

Anness IV — Fondi addizzjonali ta’ Kontroll tas-Saħħa u ta’ rkupru allokati u użati mill-Istati Membri għall-immaniġġjar tal-ilma

Risposta tal-Kummissjoni

# Termini u abbrevjazzjonijiet



**Baċin tax-xmara**: L-erja ta’ art li minnha l-iskol kollu tas-superfiċje jnixxi, f’sekwenza ta’ nixxigħat, xmajjar u, possibbilment, lagi għal ġol-baħar f’fomm ix-xmara, estwarju jew delta waħda.

**Diretturi tal-Ilma**: Id-diretturi tal-politika dwar l-ilma tal-varji Stati Membri u pajjiżi parteċipanti oħra.

**Distrett tal-baċin tax-xmara**: L-erja ta’ art u baħar, magħmula minn baċin tax-xmara wieħed jew aktar li jinsabu qrib xulxin, flimkien mal-ilmijiet ta’ taħt l-art u dawk kostali assoċjati magħhom, li hija identifikata fid-WFD bħala l-unità prinċipali għall-immaniġġjar ta’ baċini tax-xmajjar.

**Ewtrofikazzjoni**: Il-proċess li bih korpi tal-ilma jirċievu nutrijenti żejda, speċjalment fosfati u nitrati. Tipikament dawn jippromwovu t-tkabbir eċċessiv ta’ alga, li jnaqqsu l-ossiġenu disponibbli fl-ilma u għaldaqstant jikkawżaw il-mewt ta’ organiżmi oħra, bħal ħut.

**FAEŻR**: Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. F’dan ir-rapport issir ukoll referenza għalih bħala “żvilupp rurali”.

**Kontroll tas-Saħħa**: Fl-2009, il-komponenti varji tal-PAK ġew eżaminati u aġġustati sabiex il-PAK jiġi dirett lejn żvilupp ibbilanċjat u li jħares l-ambjent. Dan l-aġġustament huwa magħruf bħala l-“Kontroll tas-Saħħa”.

**Kundizzjonalità**: Mekkaniżmu li jorbot pagamenti diretti lil bdiewa u għadd ta’ pagamenti tal-iżvilupp rurali mal-konformità b’sensiela ta’ regoli relatati mal-ambjent, is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti u l-benessri tal-annimali u maż-żamma ta’ art agrikola f’kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. Ir-regoli tal-kundizzjonalità huma relatati ma’ 18-il rekwiżit statutorju tal-immaniġġjar u 15-il standard tal-KAAT. Nuqqas ta’ konformità ma’ dawn l-istandards u rekwiżiti jista’ jwassal għal tnaqqis fil-pagamenti mill-PAK lill-bidwi.

**Miżura**:

*(1) Miżura ta’ żvilupp rurali*: sett ta’ operazzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-FAEŻR. Kull miżura tistipula regoli speċifiċi li jrid ikun hemm konformità magħhom;

*(2) Miżura kif hemm referenza għaliha fid-WFD (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) (RBMPs (Pjanijiet ta’ Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara) u programmi ta’ miżuri):* sett ta’ operazzjonijiet, inklużi inizjattivi leġiżlattivi, ta’ kontroll u amministrattivi, li jinsabu fl-RBMP u li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-WFD. F’dan il-kuntest, miżura agrikola hija sett ta’ azzjonijiet jew inizjattivi li jistgħu jintużaw biex jiġi mmitigat l-effett ta’ pressjonijiet fuq l-ilma kkawżati minn attivitajiet agrikoli.

**Pagamenti diretti**: Pagamenti mogħtija direttament lil bdiewa taħt skema ta’ appoġġ ta’ dħul. Xi eżempji huma l-Iskema ta’ Pagament Uniku u l-Iskema ta’ Pagament Uniku skont l-Erja.

**PAK**: Politika agrikola komuni.

**Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**: Użati għall-protezzjoni ta’ pjanti jew għelejjel minn influwenzi ħżiena bħal ħaxix ħażin, mard jew insetti.

**PŻR**: Programm tal-iżvilupp rurali.

# Termini u abbrevjazzjonijiet

**RBMP**: Pjan ta’ mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara.

**SMR**: Rekwiżiti Statutorji tal-Immaniġġjar. Tmintax-il standard leġiżlattiv tal-UE fil-qasam tal-ambjent, is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti u l-benessri tal-annimali.

**Standards tal-KAAT**: L-obbligu li art tinżamm f’kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba jirreferi għal firxa ta’ standards relatati mal-protezzjoni tal-ħamrija, iż-żamma tal-materja organika u l-istruttura tal-ħamrija, l-evitazzjoni tad-deterjorament ta’ ħabitats, u l-immaniġġjar tal-ilma.

**WFD**: Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma – Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1) – hija leġiżlazzjoni wiesgħa u komprensiva li ġiet adottata fis-sena 2000 sabiex trendi d-diversi partijiet ta’ politiki u leġiżlazzjoni eżistenti aktar koerenti. L-approċċ tagħha għall-immaniġġjar tal-ilma huwa bbażat fuq baċini tax-xmajjar bħala unità naturali u ambjentali aktar milli fuq limiti amministrattivi jew legali. Hija tirreferi għal bosta direttivi relatati, bħad-direttivi dwar l-ilma għall-għawm, l-ilma tajjeb għax-xorb, it-trattament tal-ilma urban mormi, in-nitrati, il-ħama tad-dranaġġ, eċċ. Id-WFD tqis l-implimentazzjoni ta’ dawk id-direttivi l-oħra bħala rekwiżit minimu. Il-miżuri għall-implimentazzjoni tagħhom iridu jkunu integrati fl-ippjanar ta’ mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara. Għandu jiġi nnutat li ma hemm ebda fond iddedikat magħmul disponibbli permezz tad-WFD għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar l-ilma.

# Sommarju eżekuttiv



## I

Il-protezzjoni tal-kwalità tar-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa ilha projorità għolja għall-UE sa minn meta bdiet tadotta strumenti legali speċifiċi fil-qasam tal-protezzjoni tal-ilma tard fis-snin sebgħin. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (id-WFD) ġiet adotatta fis-sena 2000 biex jiġi stabbilit qafas legali għall-protezzjoni u r-restawr ta' korpi tal-ilma madwar l-Ewropa u biex jiġi żgurat użu tal-ilma sostenibbli fuq terminu twil. Pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara (RBMPs) u programmi ta' miżuri huma l-istrumenti prinċipali użati mill-Istati Membri biex jimplimentaw il-politika tal-UE dwar l-ilma. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw il-politika dwar l-ilma parzjalment bl-użu minn fondi minn politiki oħra.

## II

L-agrikoltura huwa sors importanti ta' pressjonijiet ambjentali. Fl-Ewropa, l-agrikoltura hija responsabbli għal madwar 33 % tal-użu totali mill-ilma u hija s-sors prinċipali ta' tniġġis min-nutrijenti fl-ilma.

## III

Il-politika agrikola komuni (il-PAK) tirrappreżenta kemxejn taħt 40 % tal-baġit tal-UE. Permezz tal-PAK, l-UE tfittex li tinfluwenza l-prattiki agrikoli li jaffettwaw l-ilma. Attwalment hemm żewġ strumenti li jintużaw biex l-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma jiġu integrati fil-PAK.Dawn huma l-kundizzjonalità, mekkaniżmu li jorbot ċerti pagamenti tal-PAK ma' rekwiżiti ambjentali speċifiċi, u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR, li f'dan ir-rapport issir referenza għalih ukoll bħala "żvilupp rurali") li jipprevedi inċentivi finanzjarji għal azzjonijiet li jmorru lil hinn mil-leġiżlazzjoni obbligatorja.

## IV

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill enfasizzaw ripetutament il-ħtieġa għal integrazzjoni aħjar tal-politika dwar l-ilma ma' politiki oħra, bħall-agrikoltura. L-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma jirrikjedu azzjoni f'oqsma ta' politika differenti u, konsegwentement, intervent minn firxa ta' awtoritajiet, li jistgħu jkunu qed isegwu interessi differenti u potenzjalment kontradittorji. F'dan l-isfond, l-awditu tal-Qorti mmira li jirrispondi għall-mistoqsija: L-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma ġew integrati fil-PAK b'suċċess? Il-Qorti fittxet li tirrispondi għal din il-mistoqsija billi eżaminat sa liema grad l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar l-ilma ppermettielha li tiġi adotatta fil-PAK, u permezz ta' analiżi tal-kundizzjonalità u tal-iżvilupp rurali.

## V

L-awditu indirizza l-mistoqsija dwar jekk l-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma kinux ġew integrati fil-PAK b'suċċess iżda sab li s'issa dan kien sar parzjalment biss. Dan kien dovut għal spariġġ bejn l-ambizzjoni tal-objettivi tal-politika u l-istrumenti użat biex tiġi effettwata bidla. L-awditu enfasizza dgħufijiet fiż-żewġ strumenti użati attwalment mill-Kummissjoni għall-integrazzjoni fil-PAK ta' kwistjonijiet dwar l-ilma (jiġifieri l-kundizzjonalità u l-iżvilupp rurali) u ġibed l-attenzjoni għal dewmien u dgħufijiet fl-implimentazzjoni tad-WFD.

## VI

Il-Qorti tikkonkludi li l-kundizzjonalità u l-finanzjament għall-iżvilupp rurali s'issa kellhom impatt pożittiv fl-appoġġ tal-objettivi tal-politika għat-titjib tal-kwantità u l-kwalità tal-ilma, iżda dawn l-istrumenti huma limitati, relattivi għall-ambizzjonijiet tal-politika ssettjati għall-PAK u l-miri aktar ambizzjużi ssettjati mir-regolamenti tal-PAK għall-perjodu 2014-2020.

## VII

Hija tikkonkludi wkoll li d-dewmien fl-implimentazzjoni tad-WFD xekkel, fil-fatt, l-integrazzjoni fil-PAK tal-objettivi tal-politika dwar l-ilma.

## VIII

Il-Qorti sabet ukoll li s-sistemi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni, it-tnejn li huma relatati direttament mal-PAK, u dawk li jipprovdu *data* aktar ġenerali ma kinux jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex it-tfassil ta' politika jkun infurmat bis-sħiħ fir-rigward tal-pressjonijiet fuq l-ilma ġejjin mill-attivitajiet agrikoli, għalkemm innutat xi inizjattivi utli.

## IX

Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha tipproponi l-modifiki meħtieġa għall-istrumenti attwali (il-kundizzjonalità u l-iżvilupp rurali) jew, fejn xieraq, strumenti ġodda li huma kapaċi jilħqu l-aktar miri ambizzjużi fir-rigward tal-integrazzjoni fil-PAK tal-objettivi tal-politika dwar l-ilma. L-Istati Membri għandhom jindirizzaw id-dgħufijiet enfasizzati fir-rigward tal-kundizzjonalità u jtejbu l-użu tagħhom mill-finanzjament għall-iżvilupp rurali biex jilħqu aħjar l-objettivi tal-politika dwar l-ilma.

## X

Hija tirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jindirizzaw id-dewmien fl-implimentazzjoni tad-WFD u jtejbu l-kwalità tal-RBMPs tagħhom billi jiddeskrivu miżuri individwali u jagħmluhom ċari u konkreti biżżejjed f'livell operazzjonali.

## XI

Fir-rigward tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni l-Kummissjoni għandha tiżgura li hija għandha informazzjoni li, mill-anqas, hija kapaċi tkejjel l-evoluzzjoni tal-pressjonijiet fuq l-ilma maħluqa minn prattiki agrikoli u l-Istati Membri nfushom jintalbu jipprovdu *data* dwar l-ilma b'mod aktar f'waqtu, affidabbli u konsistenti.

# Introduzzjoni



## Ir-rabtiet bejn il-politika tal-UE dwar l-ilma u l-politika agrikola komuni (PAK)

### 01

Il-protezzjoni tal-ilma (kemm f'termini ta' kwalità u ta' kwantità) huwa suġġett ta' prijorità fuq il-biċċa l-kbira tal-aġendi pubbliċi, mhux biss fl-UE iżda wkoll madwar id-dinja u fuq livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. L-objettiv kumplessiv prinċipali tal-politika tal-UE dwar l-ilma huwa li jiġi żgurat l-aċċess għal ilma ta' kwalità tajba bi kwantità suffiċjenti għall-Ewropej kollha, u li jiġi żgurat l-istatus tajjeb tal-korpi kollha tal-ilma madwar l-Ewropa[1]. L-istrumenti legali prinċipali użati mill-UE biex jintlaħaq dan l-objettiv huma direttivi, adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, relatati mal-ilma. Direttiva hija att leġiżlattiv tal-Unjoni Ewropea li tirrikjedi li l-Istati Membri jiksbu riżultat partikolari, iżda mingħajr ma jiddetta kif se jagħmlu dan.

### 02

Id-Direttiva dwar in-Nitrati, adottata fl-1991, fittxet li tnaqqas it-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli fl-ilmijiet tal-Ewropa[2]. Din ġiet segwita mid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (id-WFD) fis-sena 2000, li hija aktar komprensiva. Id-WFD tirrikjedi l l-Istati Membri jiksbu status tajjeb għall-ilma tas-superfiċje u dak ta' taħt l-art sal-2015[3]. L-Istati Membri jridu jfasslu pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara (RBMPs) u proġrammi assoċjati ta' miżuri assoċjati, li huma l-istrumenti prinċipali użati għall-implimentazzjoni tad-Direttiva – u konsegwentement għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar l-ilma. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw il-politika dwar l-ilma parzjalment bl-użu minn fondi minn politiki oħra. Pereżempju, f'xi każijiet il-miżuri tal-RBMPs jistgħu jiġu ffinanzjati permezz tal-PAK.

### 03

Skont ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) dwar l-istat tal-ilma[4], mhuwiex probabbli li l-ilma tal-Ewropa jilħaq il-mira ssettjata mid-WFD għall-2015 f'termini jew ta' kwalità jew inkella ta' kwantità tal-ilma, minkejja titjib fl-aħħar deċennji.

### 04

L-agrikoltura hija responsabbli mill-akbar sehem ta' użu mill-art fl-Ewropa (ċirka 50 % tal-erja kumplessiva ta' art). Hija tat forma lill-pajsaġġ Ewropew u żiedet b'mod qawwi l-użu tagħha ta' inputs esterni (fertilizzanti, pestiċidi u ilma) matul dawn l-aħħar 50 sena. Għaldaqstant, is-settur huwa huwa sors importanti ta' pressjonijiet ambjentali[5]. L-agrikoltura fl-Ewropa hija responsabbli għal madwar 33 % tal-użu totali mill-ilma u hija l-akbar sors ta' tniġġis min-nutrijenti fl-ilma[6]. Għalhekk, bħala l-utent prinċipali tal-ilma, l-agrikoltura għandha rwol maġġuri x'taqdi fl-immaniġġjar sostenibbli tal-kwantità u l-kwalità tal-ilma.

1 http://ec.europa.eu/environment/water/index_en.htm u l-Artikolu 4 tad-WFD.

2 Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1). Id-Direttiva dwar in-Nitrati tirrikjedi li l-Istati Membri jimmonitorjaw ilmijiet tas-superfiċje u dawk ta' taħt l-art u li jiddesinjaw Żoni Vulnerabbli għan-Nitrati. L-Istati Membri jridu jistabbilixxu kodiċi ta' prattika agrikola tajba biex tiġi applikata fit-territorju kollu fuq bażi volontarja. Barra minn hekk l-Istati Membri jridu jadottaw Programmi ta' Azzjoni obbligatorji f'Żoni Vulnerabbli għan-Nitrati.

3 L-Artikolu 4 tad-WFD.

4 Ir-Rapport Nru 9/2012 tal-EEA "European waters – current status and future challenges" (Ilmijiet Ewropej – status attwali u sfidi futuri).

5 "A Green CAP? Reform options from an environmental angle" (PAK Ekoloġiku? Alternattivi għal riforma minn angolu ambjentali). Proġett PAK Ekoloġiku tal-EEA, rapport interim tal-ewwel fażi, it-23 ta' Ġunju 2011.

6 Ir-Rapport Nru 1/2012 tal-EEA "Towards efficient use of water resources in Europe" (Lejn użu effiċjenti tar-riżorsi tal-ilma fl-Ewropa).

## 05

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea enfasizza l-ħtieġa tal-protezzjoni tal-ilma permezz tal-PAK f'bosta okkażjonijiet[7]:

— Fl-2007, huwa enfasizza li l-inkorporazzjoni ta' kwistjonijiet dwar l-użu sostenibbli tal-ilma fi ħdan politiki settorjali oħra (eż. l-agrikoltura) kien rekwiżit għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika dwar l-ilma u enfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali għall-iżvilupp ulterjuri u, jekk meħtieġ, għall-adattament tal-politiki agrikoli attwali biex jikkontribwixxu għall-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma.

— Fl-2009, huwa identifika l-immaniġġjar tal-ilma bħala sfida ġdida kruċjali għall-agrikoltura, u ddikjara li "kwistjonijiet dwar il-ġestjoni tal-ilma, inkluża l-kwalità tal-ilma, għandhom jiġu indirizzati aktar fil-fond fl-istrumenti tal-PAK rilevanti".

— Fl-2010 l-Kunsill irrikonoxxa l-ħtieġa għal użu aktar effiċjenti u sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura.

## 06

Il-ħtieġa għall-integrazzjoni ulterjuri ta' kwistjonijiet dwar l-immaniġġjar tal-ilma fi ħdan oqsma oħra ta' politika, bħall-agrikoltura, ġiet espressa b'mod ċar mill-Kummissjoni Ewropea, mill-EEA, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mid-Diretturi tal-Ilma[8]. L-integrazzjoni fil-PAK tal-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilmahija mira importanti, mhux tal-anqas fir-rigward tal-Artikolu 11 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jiddikjara: "Il-ħtiġijiet għall-ħarsien tal-ambjent għandhom ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, partikolarment bl-għan li jinkoraġġixxu żvilupp sostenibbli."

7 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iskarsezza tal-Ilma u n-Nixfa tat-30 ta' Ottubru 2007. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iskarsezza tal-Ilma, in-Nixfa u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima tal-11 ta' Ġunju 2010. Il-premessi 1 u 4 għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 100) wara l-Kontroll tas-Saħħa.

8
- COM(2012) 673 tal-14 ta' Novembru 2012 "Blueprint għas-Salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa": "hemm bżonn ta' implimentazzjoni aħjar u aktar integrazzjoni tal-għanijiet tal-politika dwar l-ilma f'oqsma oħrajn tal-politika, bħall-politika agrikola komuni".
- Il-premessa 16 għad-WFD: "Aktar integrazzjoni ta' protezzjoni u mmaniġġjar sostenibbli ta' ilma f'oqsma oħra ta' politika Komunitarja bħal enerġija, trasport, agrikoltura, sajd, politika reġjonali u turiżmu huwa meħtieġ."
- Il-premessa 6 għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1): "L-attivitajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-operazzjonijiet li jikkontribwixxi għalihom għandhom ikunu konsistenti u kompatibbli mal-linji ta' politika l-oħra tal-Komunità u għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni Komunitarja kollha."
- Ir-rapport Nru 9/2012 tal-EEA: Jinħtieġ sforz ħafna akbar biex kwistjonijiet dwar l-immaniġġjar tal-ilma jiġu integrati fi ħdan politiki settorjali differenti bħall-agrikoltura u t-trasport.
- Id-Dikjarazzjoni tad-Diretturi tal-Ilma dwar id-WFD u l-Agrikoltura tat-30 ta' Novembru 2006: jeħtieġ li tiġi rikonoxxuta l-importanza tar-riżorsi tal-ilma f'termini soċjali, ekonomiċi u ambjentali u li tiġi integrata fi ħdan il-politiki settorjali kollha.

## Strumenti tal-PAK bil-potenzjal li jgħinu biex l-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma jiġu integrati fil-PAK

**07**

Attwalment hemm żewġ strumenti tal-PAK li qed jintużaw biex l-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma jiġu integrati fil-PAK: il-kundizzjonalità u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ara l-***Figura 1***). Dawn l-istrumenti għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-agrikoltura sostenibbli billi jinkoraġġixxu prattiċi agrikoli tajba, jippromwovu l-konformità ta' attivitajiet agrikoli ma' leġiżlazzjoni ambjentali, bħad-Direttiva dwar in-Nitrati, u jipprovdu inċentivi għal beni u servizzi pubbliċi li huma ta' benefiċċju għall-ambjent.

Figura 1

### Rabta bejn il-PAK u l-politika tal-UE dwar l-ilma




*Nota:* Din il-figura turi, fuq naħa waħda kif il-fondi tal-PAK jistgħu jintnefqu permezz ta' pagamenti diretti u fondi għall-iżvilupp rurali. Għal bdiewa li jirċievu pagamenti diretti u/jew ċerti fondi għall-iżvilupp rurali, il-kundizzjonalità torbot dawk il-pagamenti mal-konformità ta' ċerti obbligi ambjentali. L-attivitajiet iffinanzjati mill-PAK jistgħu jkollhom impatt pożittiv jew negattiv fuq l-ilma. Fuq in-naħa l-oħra l-figura turi l-objettivi intermedji prinċipali stabbiliti mid-WFD, l-istrument prinċipali għall-implimentazzjoni tal-politika dwar l-ilma fil-livell tal-UE.

## 08

Il-kundizzjonalità hija mekkaniżmu li jorbot pagamenti diretti lil bdiewa (u għadd ta' pagamenti tal-iżvilupp rurali[9]) mal-konformità b'sensiela ta' regoli relatati mal-ambjent, is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti u l-benessri tal-annimali u maż-żamma ta' art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (il-KAAT)[10]. Dawn ir-regoli huma stipulati fi 18-il rekwiżit statutorju tal-immaniġġjar (SMRs) u 15-il standard tal-KAAT. Nuqqas ta' konformità ma' dawn l-istandards u rekwiżiti jista' jwassal għal tnaqqis fil-pagamenti mill-PAK lill-bidwi.

## 09

Sitt rekwiżiti ta' kundizzjonalità għandhom impatt dirett fuq il-kwalità u l-kwantità tal-ilma. Dawn huma elenkati fit-***Tabella 1***. Bosta rekwiżiti oħra ta' kundizzjonalità għandhom impatt indirett fuq il-protezzjoni tal-ilma (pereżempju l-SMRs dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u ta' ħabitats naturali u l-istandards tal-KAAT dwar kopertura minima ta' ħamrija jew dwar il-protezzjoni ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ).

9 Il-kundizzjonalità tapplika għal seba' miżuri ta' żvilupp rurali li jirrappreżentaw madwar 40 % tal-infiq ippjanat tal-FAEŻR għall-perjodu 2007-2013.

10 Il-kundizzjonalità ġiet introdotta fl-2003 mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1). Mill-2005 'l hawn, il-bdiewa kollha li jirċievu pagamenti diretti ġew suġġetti għal dispożizzjonijiet obbligatorji ta' kundizzjonalità. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-kundizzjonalità tapplika wkoll għal għadd ta' pagamenti mill-FAEŻR (għall-miżuri 211, 212, 213, 214, 221, 224 u 225), u mill-2008 'l hawn hija tapplika għal ċerti pagamenti għall-inbid.

Tabella 1

### Ħarsa ġenerali lejn rekwiżiti ta' kundizzjonalità relatati mal-ilma

| Standard | Suġġett |
|---|---|
| SMR2 | Il-protezzjoni ta' ilma ta' taħt l-art kontra tniġġis1[1] |
| SMR3 | L-użu tal-ħama tad-drenaġġ fl-agrikoltura[2] |
| SMR4 | Il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli[3] |
| SMR9 | It-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti[4] |
| Proċeduri tal-awtorizzazzjoni GAEC (KAAT) għat-tisqija | Fejn l-użu tal-ilma għat-tisqija huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni, irid ikun hemm konformità mal-proċeduri tal-awtorizzazzjoni |
| Strixxi marġinali GAEC (KAAT) | Stabbiliment ta' strixxi marġinali matul il-mogħdijiet tal-ilma |

1 L-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 80/68/KEE tas-17 ta' Diċembru 1979 dwar il-ħarsien ta' ilma ta' taħt l-art kontra tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi (ĠU L 20, 26.1.1980, p. 43).

2 L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6).

3 L-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

4 L-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

10
Permezz tal-finanzjament għall-iżvilupp rurali, l-UE tikkontribwixxi għall-investimenti tal-Istati Membri biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-biedja u l-forestrija, jiġu protetti l-ambjent u l-kampanja, jittejbu l-kwalità tal-ħajja u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali u jiġu promossi approċċi għall-iżvilupp rurali bbażati lokalment. L-UE tappoġġa l-programmi tal-iżvilupp rurali (PŻR) tal-Istati Membri. F'testi ewlenin dwar l-iżvilupp rurali, bħal-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali[11] u r-Regolament (KE) Nru 1698/2005[12], il-protezzjoni u l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma huma meqjusa bħala waħda mill-kwistjonijiet ambjentali ewlenin li għandhom jiġu indirizzati.

11
Permezz ta' miżuri ta' żvilupp rurali, il-bdiewa jistgħu jinvolvu rwieħhom volontarjament f'azzjonijiet li jmorru lil hinn mil-leġiżlazzjoni obbligatorja bi tpattija għal inċentivi finanzjarji jew kumpens (ara l-***Kaxxa 1***).

## Fondi tal-PAK b'impatt potenzjali fuq l-ilma

12
Il-livell ta' nfiq tal-UE fuq attivitajiet agrikoli permezz tal-PAK huwa sinifikanti (EUR 58,1 biljun għall-2012, jew kemxejn taħt 40 % tal-baġit tal-UE). Il-biedja u attivitajiet oħra ffinanzjati bil-PAK potenzjalment jista' jkollhom impatt pożittiv jew negattiv fuq l-ilma (ara l-***Figura 1***).

13
F'xi każijiet, il-fondi tal-PAK huma espliċitament immirati lejn effetti pożittivi fuq l-ilma; dan jinkludi l-finanzjament ta' miżuri ta' żvilupp rurali li jsemmu b'mod speċifiku l-protezzjoni tal-ilma. Valutazzjoni dettaljata ta' PŻR mill-perspettiva tal-immaniġġjar tal-ilma turi li l-Istati Membri allokaw 51 % tal-baġits tal-PŻR tagħhom[13] lil miżuri li, fi gradi differenti, huma relatati mal-ilma (EUR 75 biljun għall-perjodu 2007-2013)[14]. Barra minn hekk, 27 % tal-fondi żejda miftiehma wara l-"Kontroll tas-Saħħa" (approvati fl-2009 u li jipprovdu EUR 4,8 biljun oħra) ġew allokati lill-qasam ta' prijorità "immaniġġjar tal-ilma" (EUR 1,3 biljun)[15].

14
Ir-regolamenti tal-PAK għall-perjodu 2014-2020 jagħtu prominenza akbar lill-kwalità tal-ilma bħala objettiv tal-PAK. Id-dispożizzjonijiet legali għall-'ekoloġizzazzjoni' tal-pagamenti diretti tal-PAK jinkludu prattiki li xi wħud minnhom għandhom potenzjal għal effett ta' benefiċċju fuq il-kwalità tal-ilma. Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew tipprevedi wkoll li ċerti obbligi li huma derivati mid-WFD ikunu integrati fir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità. L-użu aktar effiċjenti tal-ilma fl-agrikoltura huwa element espliċitu ("żona ta' fokus") ta' waħda mill-prijoritajiet tal-iżvilupp rurali stabbiliti għall-PAK riformat. Barra minn hekk, mill-2014 'il quddiem, permezz tas-Sistema Konsultattiva għall-Azjendi Agrikoli, l-Istati Membri għandhom jagħtu pariri lill-benefiċjarji fir-rigward tar-rekwiżiti tad-WFD.

11 It-taqsimiet 2.5 u 3.2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/144/KE tal-20 ta' Frar 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013) (ĠU L 270M, 29.9.2006, p. 258).

12 Il-premessa 31 għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005.

13 Infiq pubbliku totali, li għaldaqstant jinkludi finanzjament nazzjonali.

14 *Summary report on an in-depth assessment of RDPs 2007-2013 as regards water management* (Rapport fil-qosor dwar valutazzjoni approfondita ta' PŻR 2007-2013 fir-rigward tal-immaniġġjar tal-ilma), Ecologic Institute and Vito, April 2009 (http://www.ecologic.eu/download/projekte/1900-1949/1937/final_report.pdf).

15 Skont l-istqarrijiet għall-istampa COM IP 09/1568, IP 09/1813, IP 09/1945 u IP/10/102.

Kaxxa 1

## Eżempji ta' miżuri ta' żvilupp rurali

L-appoġġ għal bdiewa li jimpenjaw rwieħhom, għal perjodu minimu ta' ħames snin, li jadottaw tekniki tal-biedja li jipproteġu l-ambjent u li jmorru lil hinn minn prattika agrikola tajba (**miżuri agroambjentali**), bħal immaniġġjar estensiv ta' mergħat (jiġifieri rgħi estensiv, ebda użu ta' fertilizzanti jew ta' ħama tad-drenaġġ, limitazzjonijiet stretti fuq l-użu ta' pestiċidi, eċċ.).



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Appoġġ għal **investimenti "mhux produttivi"**, bħall-ħolqien u r-restawr ta' artijiet mistagħdra. Artijiet mistagħdra jippreservaw il-kwalità tal-ilma billi jeliminaw in-nitroġenu, il-fosforu u l-pestiċidi mill-iskol agrikolu.

Appoġġ għal **investimenti fuq azjendi agrikoli**, bħal tagħmir għal tisqija bil-qatra. It-tisqija bil-qatra, meta mqabbla mat-tisqija bil-friefet, tista' tgħin fit-tnaqqis tal-volum ta' ilma estratt għat-tisqija.





*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Kaxxa 1

Appoġġ għal **infrastruttura** relatata mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura, bħas-sostituzzjoni ta' kanali għat-tisqija qodma jew li għandhom il-ħsara.



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.



*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Appoġġ għal **investimenti "mhux produttivi"**, bħall-arranġament mill-ġdid tax-xtut tal-ħniedaq. Ix-xaqliba tal-ħandaq li tkun inqas wieqfa u b'veġetazzjoni fuqha sservi ta' biċċa art ta' lqugħ kontra d-demel u l-pestiċidi u għandha rwol pożittiv fil-prevenżjoni ta' għargħar.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

15
L-iskop tal-awditu kien li tiġi eżaminata r-rabta bejn il-PAK u l-politika tal-UE dwar l-ilma. Il-mistoqsija kumplessiva tal-awditjar li ġiet indirizzata kienet:

**L-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma ġew integrati b'suċċess fi ħdan il-PAK?**

16
L-awditu eżamina jekk l-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma humiex riflessi b'mod xieraq u effettiv fil-PAK, kemm fil-livell ta' strateġija kif ukoll f'dak ta' implimentazzjoni (ara l-***Anness I***). Dan sar permezz ta' analiżi taż-żewġ strumenti li qed jintużaw biex l-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma jiġu integrati fil-PAK: il-kundizzjonalità u l-fond għall-iżvilupp rurali (ara l-paragrafi 7 sa 11). Għall-aspetti kollha relatati mal-kundizzjonalità, l-awditu kopra l-perjodu mill-2005 'l hawn, meta dan il-mekkaniżmu ġie introdott (jew 2009/2012 għall-Istati Membri li ngħaqdu mal-UE fl-2004 u fl-2007). Għall-aspetti kollha relatati mal-iżvilupp rurali, l-awditu kopra l-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Sitt rekwiżiti ta' kundizzjonalità b'impatt dirett fuq il-kwalità u l-kwantità tal-ilma ġew meqjusa matul l-awditu (ara t-***Tabella 1***).

17
L-awditu twettaq minn Ottubru 2012 sa Lulju 2013. L-evidenza għall-awditjar inġabret permezz ta':

- analiżijiet dokumentarji u intervisti mad-dipartimenti tal-Kummissjoni, kif ukoll l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA);
- żjarat tal-awditjar f'seba' Stati Membri: id-Danimarka, il-Greċja, Spanja (l-Andalusija), Franza, l-Italja (il-Lombardija), il-Pajjiżi l-Baxxi u s-Slovakkja. Dawn l-Istati Membri jesperjenzaw problemi serji f'termini ta' kwalità (eż. konċentrazzjonijiet għoljin ta' nutrijenti bħan-nitrati) u/jew kwantità (eż. stress fuq l-ilma jew intensità tat-tisqija għoljin) tal-ilma. Għal kull Stat Membru miżjur, intgħażel distrett tal-baċin tax-xmara sabiex l-awditu jiġi ffukat fuq erja b'RBMP speċifiku (ara l-***Figura 2***);
- stħarriġ onlajn ta' 140 korp konsultattiv għall-azjendi agrikoli fl-istess seba' Stati Membri, u laqgħat konsultattivi ma' organizzazzjonijiet agrikoli umbrella fil-livell tal-UE.

Figura 2

## Għażla ta' Stati Membri għaż-żjarat tal-awditjar



## Awditi preċedenti

**18**
Matul dawn l-aħħar 20 sena l-Qorti ppubblikat rapporti li huma kkonċernati, direttament jew indirettament, mal-politika dwar l-ilma u li wkoll jagħmlu xi referenza għall-PAK iżda ebda wieħed minnhom ma ffoka esklussivament fuq ir-rabtiet bejn il-politika tal-UE dwar l-ilma u l-PAK.

**19**
Fir-Rapport Speċjali Nru 8/2008 tagħha dwar il-kundizzjonalità, il-Qorti qajmet il-problema kumplessa tal-koeżistenza ta' rekwiżiti obbligatorji (il-kundizzjonalità) u inċentivi ekonomiċi (pagamenti agroambjentali) b'relazzjoni ma', pereżempju, bċejjeċ ta' art ta' lqugħ, u kkritikat l-ambitu limitat tal-kundizzjonalità fir-rigward tal-ilma. Ir-rapport indika wkoll xi dgħufijiet fid-definizzjoni ta' rekwiżiti u standards mill-Istati Membri. Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2011 dwar l-appoġġ agroambjentali kkonkluda li l-objettivi ta' dik l-iskema kienu vagi wisq, li kien hemm problemi fl-istabbiliment ta' ammonti ta' għajnuna u li kien hemm immirar insuffiċjenti. Ir-Rapport Speċjali Nru 5/2011 dwar l-Iskema ta' Pagament Uniku nnota li ma kien hemm ebda rabta diretta bejn l-għajnuna tal-SPU u l-ispejjeż imġarrba minn bdiewa biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, li ma kienx possibbli li tiġi stabbilita rabta diretta bejn l-għajnuna tal-SPU u l-esternalitajiet pożittivi pubbliċi li attivitajiet agrikoli jiġġeneraw, u li t-tnaqqis ta' pagamenti għal nuqqas ta' rispett lejn l-obbligi ta' kundizzjonalità ma kienx dissważiv biżżejjed.

**20**
Fil-kuntest tad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni (DAS) annwali tagħha, il-Qorti tawditja l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' kundizzjonalità u tar-regoli speċifiċi li jirregolaw il-pagamenti tal-iżvilupp rurali, li huwa ċċekkjat għal kampjun ta' tranżazzjonijiet. L-osservazzjonijiet li jirriżultaw minn dawn l-awditi ttieħdu inkunsiderazzjoni f'dan ir-rapport.

## Dgħufijiet fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar l-ilma xekklu l-integrazzjoni tagħha fil-PAK

21

Id-WFD hija element ewlieni tal-politika tal-UE dwar l-ilma billi, flimkien mad-direttivi relatati[16] tagħha, hija tindirizza l-pressjonijiet prinċipali fuq ilmijiet ġewwinija, inklużi kwistjonijiet dwar inkwinanti, idromorfoloġija u kwantità. Element importanti tal-integrazzjoni fil-PAK tal-objettivi tal-politika dwar l-ilma huwa li l-Istati Membri għandhom ifasslu l-RBMPs u l-programmi assoċjati ta' miżuri tagħhom fiż-żmien xieraq (ara l-***Figura 1***) u li dawn id-dokumenti ta' programmazzjoni għandhom jistipulaw b'mod ċar liema azzjonijiet għandhom jittieħdu għall-indirizzar ta' pressjonijiet sinifikanti biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi tad-WFD. Madankollu, s'issa l-implimentazzjoni tad-WFD nfisha ġiet affettwata minn dewmien serju. Il-Qorti sabet li l-kwalità tad-dokumenti ta' programmazzjoni żviluppati mill-Istati Membri fir-rigward tal-politika tal-UE dwar l-ilma hija fqira u li l-Kummissjoni, bħala kwistjoni ta' dritt, għandha influwenza limitata fuq il-kwalità ta' dawk id-dokumenti ta' programmazzjoni.

## Dewmien fl-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma

22

Id-WFD tirrikjedi li l-Istati Membri jfasslu RBMPs sabiex jispeċifikaw, fost dettalji oħra u għal kull distrett tal-baċin tax-xmara kkonċernat, pressjonijiet sinifikanti, objettivi u miżuri konkreti li għandhom jittieħdu[17] fir-rigward tal-ilma, kif ukoll dettalji dwar kif se jiġu ffinanzjati l-miżuri. Dan għandu jkun ċar kull fejn ikun previst finanzjament taħt il-PAK.

23

L-RBMPs kellhom jiġu ppubblikati mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2009 u rrappurtati lill-Kummissjoni mhux aktar tard mit-22 ta' Marzu 2010[18]. Madankollu, lanqas nofs l-Istati Membri ma rnexxielhom jikkonformaw ma' dan iż-żmien speċifikat[19]. Sa Settembru 2013, erba' pajjiżi (id-Danimarka, il-Greċja, il-Portugall u Spanja) kienu għadhom ma adottawx xi wħud mill-RBMPs li huma responsabbli għalihom. Il-***Figura 3*** tagħti ħarsa ġenerali lejn id-dati tal-adozzjoni tal-RBMP.

16 Id-Direttiva dwar l-Ilma għall-Għawm (76/160/KEE); id-Direttiva dwar l-Għasafar (79/409/KEE); id-Direttiva dwar l-Ilma tajjeb għax-Xorb (80/778/KEE), kif emendata bid-Direttiva (98/83/KE); id-Direttiva dwar Aċċidenti Kbar (Seveso) (96/82/KE); id-Direttiva dwar Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (85/337/KEE); id-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ (86/278/KEE); id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (91/271/KEE); id-Direttiva dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (91/414/KEE); id-Direttiva dwar in-Nitrati (91/676/KEE); id-Direttiva dwar il-Ħabitats (92/43/KEE); id-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis (96/61/KE).

17 Dettalji sħaħ tal-kontenut obbligatorju tal-RBMPs jingħataw fl-Anness VII għad-WFD.

18 L-Artikoli 13(6) u 15(1) tad-WFD.

19 Il-Kummissjoni rrappurtat li, sa Novembru 2012, 25 Stat Membru u n-Norveġja kienu adottaw u rrappurtaw 121 RBMP għall-partijiet nazzjonali tagħhom tad-distretti tal-baċini tax-xmajjar minn total ta' 174. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2012) 379 final 1/30 Brussell, 14.11.2012: European Overview (1/2) accompanying the Report from the Commission to the European Parliament and the Council on the Implementation of the Water Framework Directive (2000/60/EC) – River Basin Management Plans (Ħarsa Ġenerali Ewropea (1/2) li takkumpanja r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) – Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara). In-Norveġja adottat 11-il RBMP pilota. In-Norveġja qed timplimenta d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma bħala parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, skont l-iskeda speċifika taż-żmien miftiehma fih.

Figura 3

**Mappa b'ħarsa ġenerali lejn id-dati ta' adozzjoni tal-RBMP minn Settembru 2013 'il hawn**




*Nota:* Id-Danimarka – l-RBMPs kollha adottati f'Diċembru 2011 ġew irtirati u pjanijiet ġodda huma suġġetti għal konsultazzjoni; il-Greċja – 8 RBMPs adottati (minn 14); Spanja – 10 RBMPs adottati (minn 25); il-Portugall – 8 RBMPs adottati (minn 9).

**24**
Skont id-WFD, kull RBMP għandu jkun fih programm ta' miżuri li jindirizzaw id-diversi pressjonijiet identifikati lokalment fil-livell tad-distrett tal-baċin tax-xmara, inklużi miżuri relatati mal-agrikoltura (ara l-***Kaxxa 2***). Il-miżuri kellhom ikunu operazzjonali mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2012[20]. Matul iż-żjarat tal-awditjar tal-Qorti lil Stati Membri, it-timijiet tal-awditjar analizzaw dan l-aspett, b'enfasi partikolari fuq miżuri relatati mal-agrikoltura, u osservaw li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-miżuri kien għadhom mhumiex operazzjonali (ara l-***Kaxxa 3***).

20 L-Artikolu 11(7) tad-WFD.

Kaxxa 2

## Tipi ta' miżuri inklużi fl-RBMPs

L-Anness VI għad-WFD jelenka t-tipi ta' miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-programmi ta' miżuri, li xi wħud minnhom għandhom rabta diretta mal-agrikoltura. Eżempji huma:

- miżuri indirizzati lejn l-immaniġġjar tad-domanda tal-ilma, inkluża l-promozzjoni ta' adattamenti lill-produzzjoni agrikola bħal għelejjel tal-ilma baxx f'erjas li huma suxxettibbli għan-nixfa;
- miżuri indirizzati lejn il-kontroll ta' emissjonijiet, bħall-injezzjoni ta' demel likwidu fil-ħamrija minflok applikazzjoni fis-superfiċje;
- miżuri ta' effiċjenza u użu mill-ġdid, li jinkludu tekniki ta' tisqija li jiffrankaw l-ilma jew l-użu mill-ġdid minn ilma mormi ttrattat għat-tisqija.

Kaxxa 3

## Dewmien fl-implimentazzjoni ta' miżuri agrikoli fl-RBMPs

Fl-Italja (RBMP tax-xmara Po), mill-ħames miżuri agrikoli li għandhom jiġu implimentati fit-terminu qasir, tlieta biss huma operazzjonali fir-reġjuni kollha. Ir-raba' miżura hija implimentata biss f'parti waħda tad-distrett tal-baċin tax-xmara, u l-miżura finali hija applikata biss f'xi erjas minħabba f'kunflitt mal-leġiżlazzjoni lokali;

Fi Franza (RBMP tal-Loire-Bretanja), il-miżuri huma ġenerali wisq biex ikunu operazzjonali billi jeħtieġu li jiġu żviluppati aktar minn pjanijiet għall-immaniġġjar lokali tal-ilma (SAGEs). Sa Settembru 2013 anqas minn nofs id-distrett tal-baċin tax-xmara kien kopert minn SAGE; u

Fil-Greċja (RBMP tat-Tessalija), ħamsa mis-sitt miżuri eżaminati matul iż-żjara tal-awditjar tal-Qorti ma kinux operazzjonali fit-22 ta' Diċembru 2012.

## 25

Fin-nuqqas ta' RBMP li jiddefinixxi l-objettivi fil-livell tad-distrett tal-baċin tax-xmara, l-Istati Membri huma nieqsa minn punt importanti ta' riferiment ma' xiex jallinjaw l-objettivi, relatati mal-ilma, tal-PŻR tagħhom. Dan jimpedixxi li l-fondi għall-iżvilupp rurali jintnefqu b'kont dovut għall-kriterji tal-politika tal-UE dwar l-ilma.

### Il-kwalità ta' programmi ta' miżuri hija fqira

## 26

Il-Kummissjoni, permezz ta' wieħed mill-gruppi ta' esperti tagħha, ipprovdiet gwida fir-rigward tal-miżuri agrikoli pprogrammati fl-RBMPs, li jeħtieġu li jkunu ċari, trasparenti u operazzjonali fil-livell tal-azjendi agrikoli[21].

## 27

Il-Qorti użat il-kriterji stabbiliti fid-dokument ta' gwida tal-Kummissjoni biex tagħmel analiżi dettaljata ta' sitt miżuri agrikoli għal kull wieħed mis-seba' RBMPs magħżula għal dan l-awditu (ara t-***Tabella 2***). Ir-riżultati ta' dan ix-xogħol juru li l-biċċa l-kbira tal-miżuri analizzati mhumiex imfassla b'mod xieraq f'termini ta' ambitu, miri, żmien speċifikat, sistemi ta' monitoraġġ u/jew komunikazzjoni ta' riżultati.

## 28

Il-Kummissjoni waslet ukoll għal konklużjonijiet mill-eżerċizzju ta' monitoraġġ proprju tagħha tad-WFD fir-rigward tal-kwalità tal-programmi ta' miżuri. Wara li analizzat l-RBMPs ippreżentati sa nofs l-2012, il-Kummissjoni kkonkludiet li dak li hu bejn wieħed u ieħor nieqes f'ħafna mill-RBMPs tal-baċini tax-xmajjar, hija informazzjoni dwar kif dawn il-miżuri se jiġu implimentati f'termini ta' twaqqit, ta' finanzjament kif ukoll ta' monitoraġġ[22].

21 "Gwida għall-amministrazzjonijiet biex il-miżuri agrikoli tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jsiru ċari u trasparenti fil-livell tal-farms (azjendi agrikoli)". Din il-gwida ġiet żviluppata permezz ta' programm kollaborattiv li kien jinvolvi s-sħab tal-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni (CIS), u ġiet approvata mid-Diretturi tal-Ilma f'Mejju 2011.

22 Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni: European Overview (2/2) accompanying the Report from the Commission to the European Parliament and the Council on the Implementation of the Water Framework Directive (2000/60/EC) – River Basin Management Plans (Ħarsa Ġenerali Ewropea (2/2) li takkumpanja r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) – Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara).

**Tabella 2**

### Analiżi dettaljata ta' sitt miżuri agrikoli inklużi fil-programmi ta' miżuri ta' seba' RBMPs[1]

| | DK | EL | ES | FR | IT | NL | SK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-miżuri jindikaw il-livell ta' użu meħtieġ. | yellow | yellow | red | red | red | green | red |
| Il-miżuri huma identifikati bħala bażiċi (jiġifieri obbligatorji) jew supplementari. | green | green | green | green | green | green | green |
| Il-miżuri huma definiti fuq livell subbaċir jew reġjonali/lokali. Fejn dan mhuwiex il-każ, jingħataw raġunijiet konvinċenti għall-istabbiliment ta' miżuri għall-baċin tax-xmara kollu kemm hu. | green | yellow | green | green | green | green | red |
| Il-programm ta' miżuri jissettja miri ċari għal dawn il-miżuri. | green | yellow | red | red | red | yellow | red |
| Il-programm ta' miżuri jissettja sistema ċara għall-monitoraġġ tal-progress dwar dawn il-miżuri. | green | red | red | red | red | yellow | red |

green: is-sitt miżuri kollha analizzati kkonformaw mal-kriterju

yellow: xi wħud mill-miżuri analizzati kkonformaw mal-kriterju

red: ebda waħda mill-miżuri analizzati ma kkonformat mal-kriterju

1 Il-valutazzjoni tal-RBMPs Daniżi twettqet abbażi tal-RBMPs adottati f'Diċembru 2011. Madankollu dawn l-RBMPs ġew irtirati u pjanijiet ġodda huma suġġetti għal konsultazzjoni.

## Fil-prattika l-Kummissjoni għanda influwenza limitata fuq il-kwalità tad-dokumenti ta' programmazzjoni tad-WFD

**29**
L-RBMPs għandhom jiżguraw li l-objettiv ta' status tajjeb tal-korpi tal-ilma jintlaħaq sal-2015. Għalkemm il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala "gwardjan tat-Trattat"[23], teħtieġ li tara li dan isir, hija mhijiex responsabbli mill-approvazzjoni tal-RBMPs. Jekk il-Kummissjoni tivvaluta l-kwalità tal-RBMPs bħala insuffiċjenti, hija limitata għal azzjoni legali.

**30**
F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QEĠ) ħarġet bosta deċiżjonijiet abbażi tad-WFD. Madankollu, dawn il-każijiet kienu jittrattaw id-dispożizzjonijiet tad-WFD li jistgħu jitqiesu bħala ċari (bħan-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni, rappurtar tard, adozzjoni tard ta' programmi ta' monitoraġġ u ta' RBMPs), aktar milli każijiet anqas ċari li jikkonċernaw l-interpretazzjoni ta' kunċetti ewlenin bħal servizzi tal-ilma jew l-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet taħt l-Artikolu 4 tad-WFD[24]. Proċeduri ġuridiċi ħafna drabi jdumu għaddejjin bosta snin u deċiżjonijiet jittieħdu żmien twil wara l-iskadenza għall-issodisfar tal-obbligu. Għalkemm il-Kummissjoni organizzat gruppi ta' ħidma u seminars ma' rappreżentanti ta' Stati Membri bil-ħsieb li ttejjeb il-kwalità tal-RBMPs, il-kapaċità tal-Kummissjoni li tinfluwenza l-grad ta' ambizzjoni murija mill-Istati Membri hija limitata.

**31**
L-awditu wera li l-grad ta' ambizzjoni murija mill-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri jvarja. L-Artikolu 4 tad-WFD jistabbilixxi l-objettiv li jinkiseb status tajjeb ta' ilma fl-Istati Membri kollha sal-2015. L-istess artikolu jippermetti eżenzjonijiet meta dawn ikunu ġġustifikati mill-Istati Membri. Stati Membri differenti jivvalutaw iċ-ċirkustanzi użati biex tiġi ġġustifikata eżenzjoni f'diversi modi. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet fil-valutazzjoni tagħha tal-RBMPs[22] li:

— b'mod ġenerali hemm nuqqas ta' ġustifikazzjoni xierqa u trasparenti tal-kriterji applikati għall-użu minn eżenzjonijiet taħt l-Artikoli 4(4) u 4(7),

— l-interpretazzjoni tad-diversi raġunijiet għall-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet varjat b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri differenti, u

— l-użu estensiv minn eżenzjonijiet jista' jirrifletti l-livell baxx ta' ambizzjoni f'ħafna mill-pjanijiet fir-rigward tal-ilħuq tal-objettivi ambjentali.

23 Skont l-Artikolu 258 tat-Trattat ta' Lisbona, il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-miżuri meħuda mill-istituzzjonijiet skontu huma applikati.

24 Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2012) 379 final 1/30 Brussell, 14.11.2012: European Overview (1/2) accompanying the Report from the Commission to the European Parliament and the Council on the Implementation of the Water Framework Directive (2000/60/EC) – River Basin Management Plans (Ħarsa Ġenerali Ewropea (1/2) li takkumpanja r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) – Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara).

**32**
B'mod simili, matul l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati, li hija parti integrali tad-WFD li tindirizza problema rikonoxxuta u persistenti ta' tniġġis f'korpi tal-ilma (ara l-***Kaxxa 4***), l-Istati Membri jippreżentaw programmi ta' azzjoni dwar in-nitrati bi gradi ta' ambizzjoni li jvarjaw. Dawn il-programmi ma jirrikjedux approvazzjoni mill-Kummissjoni. B'riżultat ta' dan hemm, pereżempju, differenzi sinifikanti bejn il-kriterji użati minn Stati Membri meta jiddefinixxu żoni vulnerabbli jew l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu. Fil-każijiet eżaminati fir-rigward tal-programmi ta' azzjoni dwar in-nitrati, it-tul tal-proċeduri ġuridiċi juri l-limiti għall-kapaċità tal-Kummissjoni li tinfluwenza l-kwalità tal-programmi tal-Istati Membri (ara l-***Kaxxa 5***).

**Kaxxa 4**

## L-importanza tat-tniġġis min-nitrati

Rapporti reċenti tal-EEA juru li t-tendenza attwali fil-livelli ta' nitrati mhijiex suffiċjenti biex jintlaħaq status tajjeb anke sal-2027 (ara l-***Figura 4***). Ir-rapport Nru 8/2012 tal-EEA jirrikonoxxi li l-evoluzzjoni pożittiva ta' konċentrazzjonijiet ta' nitrati hija parzjalment dovuta għal miżuri biex jitnaqqsu l-inputs agrikoli tan-nitrati fil-livell Ewropew u f'dak tal-Istati Membri, iżda li jinħtieġu miżuri addizzjonali biex jitnaqqas it-tixrid tat-tniġġis jekk il-maġġoranza tal-korpi tal-ilma għandhom ikollhom livelli ta' nitrati kumparabbli ma' status ekoloġiku għoli jew tajjeb fl-2027.

**Figura 4**

## It-tendenzi fin-nitrati juru li se jkun għad hemm diskrepanza bejn l-istatus tajjeb u l-istatus mistenni sal-2027




Id-*data* għax-xmajjar ħżiena u fqar tirrappreżenta 29 % tat-total
Id-*data* għax-xmajjar moderati tirrappreżenta 48% tat-total

*Sors:* Adattat mir-Rapport Nru 9/2012 tal-EEA.

Kaxxa 5

## Għoxrin sena wara li daħlet fis-seħħ, għad hemm problemi bl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati f'xi Stati Membri

Id-Direttiva dwar in-Nitrati daħlet fis-seħħ fl-1991. Madankollu, il-każijiet ta' ksur relatati mal-applikazzjoni korretta u kompleta tagħha kif ukoll ix-xerqien tal-programmi ta' azzjoni dwar in-nitrati kienu għadhom miftuħa fl-2013 kontra tmien Stati Membri (il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Franza, il-Latvja, il-Polonja u s-Slovakkja).

Pereżempju, fit-13 ta' Ġunju 2013 il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet (fil-Każ C-193/12) li Franza kienet naqset milli tindika bosta erjas bħala żoni vulnerabbli għan-nitrati. F'xi wħud minn dawk l-erjas, il-konċentrazzjonijiet ta' nitrati fl-ilma tas-superfiċje kienu aktar minn 50 mg/l (li hija l-konċentrazzjoni massima permessibbli fl-ilma tajjeb għax-xorb) u f'oħrajn l-ilma tas-superfiċje kien f'riskju ta' ewtrofikazzjoni jekk ma kien se jiġi implimentat ebda pjan ta' azzjoni.

## S'issa l-impatt tal-kundizzjonalità fuq kwistjonijiet tal-ilma kien limitat

**33**

Ir-riżultati tal-istħarriġ tal-Qorti (ara l-paragrafu 17)[25] juru li l-kundizzjonalità żiedet il-kuxjenza fost il-bdiewa u kkawżat xi bidliet fi prattiki agrikoli fir-rigward tal-ilma. Madankollu, s'issa l-impatt tal-kundizzjonalità kien limitat, kemm minħabba li bosta kwistjonijiet importanti relatati mal-ilma mhumiex inklużi fil-kundizzjonalità, u kemm minħabba li s-sanzjonijiet applikati taħt il-kundizzjonalità mhumiex ikkalkulati abbażi tal-ispiża tad-dannu kkawżat u għalhekk, jista' jistgħu jirrappreżentaw porzjon biss ta' din l-ispiża. Barra minn hekk, id-dgħufijiet misjuba fl-applikazzjoni tal-kundizzjonalità fl-Istati Membri jkomplu jnaqqsu l-impatt potenzjali tagħha. Dawn il-kwistjonijiet huma diskussi b'mod aktar estensiv hawn taħt.

## Il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità għandu impatt iżda mhuwiex sfruttat bis-sħiħ

### Ir-riżultati tal-istħarriġ juru kuxjenza akbar fost il-bdiewa u xi bidliet fil-prattiki agrikola fir-rigward tal-ilma

**34**

Fin-nuqqas ta' studji fil-livell tal-UE dwar l-impatt tal-kundizzjonalità u l-iżvilupp rurali fuq il-kuxjenza tal-bdiewa u l-prattiki agrikoli fir-rigward tal-ilma, il-Qorti wettqet stħarriġ ta' 140 korp konsultattiv għall-azjendi agrikoli f'7 Stati Membri. L-istħarriġ juri li, fl-Istati Membri/fir-reġjuni kampjunati, l-introduzzjoni tal-kundizzjonalità żiedet il-kuxjenza tal-bdiewa (ara l-***Figura 5***) u kkawżat bidliet fil-prattiki agrikoli fir-rigward tal-ilma, speċjalment fir-rigward tan-nitrati u l-pestiċidi (ara l-***Anness II*** għal aktar dettalji).

25 Ir-riżultati dettaljati tal-istħarriġ jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit tal-internet tal-Qorti (www.eca.europa.eu).

Figura 5

## Kuxjenza akbar tal-bdiewa wara l-introduzzjoni tal-kundizzjonalità

**Fuq skala minn 1 (xejn) sa 4 (ħafna), kemm tqis li l-introduzzjoni tal-kundizzjonalità żiedet il-kuxjenza tal-bdiewa fir-rigward tal-impatt tal-agrikoltura fuq l-ilma?**



### L-impatt tar-rekwiżiti ta' kundizzjonalità hija limitata billi għadd ta' kwistjonijiet importanti relatati mal-ilma mhumiex koperti mill-kundizzjonalità

**35**
Fil-preżent, ir-rekwiżiti għall-bdiewa li jillimitaw l-użu tal-fosforu fuq l-art tagħhom jew[26] l-applikazzjoni ta' pestiċidi[27] fil-viċinanza immedjata ta' korpi tal-ilma mhumiex inklużi fi ħdan il-kundizzjonalità, ukoll meta hemm ftehim li dawn il-kwistjonijiet iridu jiġu indirizzati. Il-fosforu huwa preżenti f'fertilizzanti u jintuża fl-għalf. Huwa jista' jikkawża problemi fil-kwalità tal-ilma, bħal ewtrofikazzjoni. Fil-każ tal-pestiċidi, filwaqt li jipproteġu l-għelejjel minn ħsara kkawżata minn ħaxix ħażin, mard u insetti, huma jistgħu jikkawżaw ħsara lin-nies, lil organiżmi selvaġġi u lill-ambjent. Parti żgħira ħafna biss tal-pestiċidi applikati jilħqu l-organiżmi ta' ħsara mmirati, li jfisser li l-biċċa l-kbira tal-pestiċidi jħallu impatt fuq l-ambjent, bħal korpi tal-ilma. Madankollu xi Stati Membri ħadu l-inizjattiva biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, ukoll fejn ma kinux obbligati jagħmlu dan (eż. billi inkludew restrizzjonijiet fuq l-użu ta' pestiċidi fil-KAAT fuq bċejjeċ ta' art ta' lqugħ) (ara l-***Anness III*** għal aktar dettalji).

26 Pestiċidi jisgħu jintużaw biex jiġu protetti pjanti jew għelejjel minn ħsara kkawżata minn ħaxix ħażin, mard jew insetti. F'dak is-sens, huma jissejħu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

27 Xi Stati Membri, bħall-Pajjiżi l-Baxxi, inkludew rekwiżiti għall-fosforu fil-programmi ta' azzjoni tagħhom dwar in-nitrati, iżda n-nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti mhijiex sanzjonata taħt il-kundizjonalità. Fil-każ tal-pestiċidi, għal ċerti pestiċidi perikolużi ħafna biss, l-Istati Membri jistgħu, meta jawtorizzaw l-użu tagħhom, jistabbilixxu żoni ta' lqugħ matul mogħdijiet tal-ilma fejn il-bexx ikun ipprojbit.

36
L-użu sostenibbli minn pestiċidi, b'mod partikolari fil-forma ta' konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, oriġinarjament kien se jiġi inkluż fil-kundizzjonalità mill-2014 'il quddiem. Madankollu, skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013[28], iż-żmien speċifikat għal din l-inklużjoni issa huwa inċert (ara l-***Kaxxa 6***).

37
L-inklużjoni mistennija fil-kundizzjonalità ta' ċerti rekwiżiti dderivati mid-WFD u mid-direttiva dwar l-użu sostenibbli ta' pestiċidi jmissha tindirizza l-kwistjonijiet imqajma fil-paragrafu 35. Id-diskussjonijiet dwar il-proposta tal-Kummisjoni għar-riforma tal-PAK wara l-2014 irriżultaw fid-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistiednu lill-Kummissjoni biex timmonitorja t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-[...]" WFD u d-direttiva dwar l-użu sostenibbli minn pestiċidi u, "[...] fejn xieraq, tippreżenta, ladarba dawn id-Direttivi jkunu ġew implimentati mill-Istati Membri kollha u jkunu ġew identifikati l-obbligi applikabbli direttament għall-bdiewa, proposta leġiżlattiva li temenda dan ir-regolament bil-ħsieb li l-partijiet rilevanti ta' dawn id-Direttivi jiddaħħlu fis-sistema tal-kundizzjonalità"[29]. It-twaqqit ta' din l-inklużjoni huwa għaldaqstant dipendenti fuq il-progress magħmul mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-Direttivi. Dan jimplika li l-implimentazzjoni ta' deċizjoni importanti ħafna ta' politika tista' ssir bil-mod ħafna.

28 Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

29 Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar il-kundizzjonalità marbuta mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Kaxxa 6

## Użu sostenibbli ta' pestiċidi: żewġ passi 'l quddiem, pass wieħed lura

Fl-2009 l-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw regolament dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti[30]. Waħda mill-intenzjonijiet tar-regolament kienet li l-użu sostenibbli minn pestiċidi (u b'mod partikolari l-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara) jiġi inkluż fil-kundizzjonalità (permezz ta' SMR9) mill-2014 'il quddiem.

Madankollu, fil-proposta tagħha għal regolament dwar il-finanzjament tal-PAK matul l-2014-2020[31] (li rriżultat fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013), il-Kummissjoni eskludiet b'mod espliċitu l-użu sostenibbli minn pestiċidi u l-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara mill-ambitu tal-kundizzjonalità billi ħalliet barra s-sentenza li kienet tirreferi speċifikament għalih[32].

B'riżultat ta' dan, għalkemm l-użu sostenibbli minn pestiċidi kellu jiġi inkluż fil-kundizzjonalità mil-2004 'l quddiem, ir-regolament attwali issa jirrendi dak iż-żmien speċifikat inċert.

30 Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

31 COM(2011) 628 finali/2.

32 L-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, it-tielet sentenza: "Huwa għandu jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/128/KE u b'mod partikolari, mal-prinċipji ġenerali ta' ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara kif imsemmi fl-Artikolu 14 tal-Anness III għal dik id-Direttiva li għandhom japplikaw mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014."

## Il-KAAT dwar proċeduri tal-awtorizzazzjoni għat-tisqija għandhom ftit li xejn impatt billi l-Kummissjoni ma teħtieġx li l-Istati Membri jiżviluppaw rekwiżiti speċifiċi

**38**
F'kuntrast mal-SMRs, l-istandards tal-KAAT jintużaw biex jiġu promossi prattiki agrikoli tajbin li għalihom (għadha) ma teżistix leġiżlazzjoni ambjentali fil-livell tal-UE, billi jintroduċu obbligi ġodda għall-bdiewa. Madankollu, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiddefinixxi l-KAAT dwar proċeduri tal-awtorizzazzjoni għat-tisqija[33] b'tali mod li tippromwovi prattiki agrikoli tajbin. Il-KAAT dwar it-tisqija tirreferi għal leġiżlazzjoni nazzjonali jew reġjonali eżistenti iżda ma tintroduċix obbligi ġodda. Hija ma tintroduċix obbligu biex jiġu stabbiliti l-elementi ta' proċeduri tal-awtorizzazzjoni – bħal permessi għall-estrazzjoni tal-ilma, miters tal-ilma u rappurtar dwar l-użu tal-ilma – fejn dawn ma jeżistux diġà.

**39**
Għaldaqstant, f'pajjiż bi proċeduri tal-awtorizzazzjoni dgħajfin ħafna jew mhux eżistenti, din il-KAAT mhija se jkollha ebda impatt (ara l-***Kaxxa 7***) u dan jista' jkun ta' importanza partikolari f'erjas li jbatu minn skarsezza tal-ilma (ara l-***Kaxxa 8***).

33 Fejn l-użu tal-ilma għat-tisqija huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni, irid ikun hemm konformità mal-proċeduri tal-awtorizzazzjoni.

Kaxxa 7

### Eżempju ta' proċeduri tal-awtorizzazzjoni dgħajfin

Fil-Greċja, Deċiżjoni Ministerjali ta' Ġunju 2011 ħtieġet li l-bdiewa japplikaw għal liċenzja tal-ilma sas-16 ta' Diċembru 2011 (anke dawk li diġà kellhom liċenzja valida). Madankollu l-obbligu ta' applikazzjoni għal liċenzja ġie ripetutament estiż għas-16 ta' Ġunju 2012, is-17 ta' Diċembru 2012, il-15 ta' Mejju 2013 u, l-aktar reċentement, għall-15 ta' Jannar 2014. Fil-baċin tax-xmara Pinios (it-Tessalija), l-għadd totali ta' spieri jaqbeż it-30 000 u jista' jammonta għal 33 000, li l-biċċa l-kbira tagħhom mhumiex liċenzjati[34].

Il-Qorti sabet ukoll dgħufijiet fil-kontrolli li saru fuq dawk il-liċenzji (ara l-***Kaxxa 9***).

34 L-RBMP tat-Tessalija, Studju mwettaq mill-*Joint Venture for Thessaly, Epirus and Western Sterea Ellada's River Basin Management Plans* (Impriża Konġunta għall-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmajjar tat-Tessalija, Epiru u l-Greċja Kontinentali tal-Punent), p. 103.

Kaxxa 8

## L-agrikoltura msaqqa qed tespandi f'erjas bi problemi ta' skarsezza tal-ilma

L-estrazzjoni eċċessiva tal-ilma permezz tat-tisqija hija problema rikonoxxuta, speċjalment fin-nofsinhar tal-Ewropa, fejn ir-raba' għat-tisqija żdiedet matul dawn l-aħħar deċennji[35]. Għalkemm l-estrazzjoni tal-ilma naqset kemxejn bejn il-bidu tas-snin disgħin u d-deċennju mill-1998 sal-2007 (ara l-***Figura 6***), u minkejja effiċjenza akbar tat-tisqija permezz ta' użu aktar mifrux minn tisqija bil-qatra, ir-riżorsi tal-ilma għadhom taħt pressjoni serja f'xi erjas li jirriżulta f'livelli ta' akwiferi li qed jaqgħu, dħul ta' ilma mielaħ u d-dessikazzjoni ta' artijiet mistagħdra[36].

35 Ir-Rapport Nru 2/2009 tal-EEA, Riżorsi tal-ilma madwar l-Ewropa - nikkonfrontaw l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa.

36 *Water resources: quantity and flows - SOER 2010 thematic assessment* (Riżorsi tal-ilma: kwantità u flussi - valutazzjoni tematika SOER 2010), ir-rapport 2010 tal-EEA dwar l-Istat tal-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (http://www.eea.europa.eu/soer/europe/water-resources-quantity-and-flows) aċċessata fil-5 ta' Ottubru 2012.

Figura 6

## Estrazzjoni tal-ilma għat-tisqija




*Nota:* Tal-Lvant: il-Bulgarija (1990;2007), ir-Repubblika Ċeka (1990;2007), l-Ungerija (1992;2006), il-Latvja (1991;2007), il-Polonja (1990;2007), ir-Rumanija (1990;2006), is-Slovakkja (1990;2007), is-Slovenja (1990;2007), tal-Punent: l-Awstrija (1990;2002), il-Belġju (1994;2007), id-Danimarka (1990;2004), l-Ingilterra u Wales (1990;2006), il-Finlandja (1994;2005), il-Ġermanja (1995;2002), il-Pajjiżi l-Baxxi (1995;2006), in-Norveġja (1995;2006), l-Isvezja (1990;2007), tan-Nofsinhar: Franza (1991;2006), il-Greċja (1990;2007), il-Portugall (1990;1998), Spanja (1991;2006).

*Sors:* http://www.eea.europa.eu/data-and-maps/figures/water-abstraction-for-irrigation-million-m3-year-in-the-early-1990s-and-1997.

## Dgħufijiet fl-applikazzjoni tal-kundizzjonalità

### Hemm dgħufijiet fil-livell tal-azjendi agrikoli fl-implimentazzjoni ta' rekwiżiti ta' kundizzjonalità relatati mal-ilma fl-Istati Membri

**40**
Matul l-awditi tad-DAS tagħha fid-diversi Stati Membri tal-UE, il-Qorti b'mod frekwenti tosserva ksur ta' rekwiżiti ta' kundizzjonalità relatati mal-ilma fil-livell tal-azjendi agrikoli, li l-biċċa l-kbira tiegħu jkun ksur minn benefiċjarji tal-SMR4 (protezzjoni tal-ilma f'żoni vulnerabbli għan-nitrati): faċilitajiet ta' ħżin inadegwati jew kapaċità insuffiċjenti ta' ħżin għad-demel, rekords inkompleti jew żbaljati ta' fertilizzanti, nuqqas ta' analiżi tan-nitroġenu, output ta' nitrati ogħla minn 170 kg/ha, ħżin ta' demel fuq l-art matul perjodu pprojbit, eċċ. Osservazzjonijiet oħra huma relatati mal-SMR2 (protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art), mal-SMR9 (prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti) u mal-KAAT fuq bċejjeċ ta' art ta' lqugħ.

### Is-sistema ta' kontrolli tal-kundizzjonalità għandha xi dgħufijiet fil-livell tal-Istati Membri

**41**
L-Istati Membri huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità. Għall-SMRs dan jinkludi l-introduzzjoni tal-elementi rilevanti tal-leġiżlazzjoni speċifika fl-ambitu tal-kundizzjonalità. Għall-KAAT dan jinkludi l-promulgazzjoni tal-istandards rilevanti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew f'dik reġjonali u d-definizzjoni tal-obbligi prattiċi li l-bdiewa huma mistennija josservaw. L-Istati Membri huma obbligati wkoll jinfurmaw lill-bdiewa dwar dawn ir-rekwiżiti u jistabbilixxu sistema ta' amministrazzjoni u kontroll li tippermetti li kampjun ta' benefiċjarji jiġu ċċekkjati fuq il-post u sanzjonati fil-każ ta' nuqqas ta' konformità.

**42**
Limitazzjoni waħda intrinsika tas-sistema ta' kontrolli tal-kundizzjonalità hija li xi rekwiżiti huma, min-natura tagħhom stess, diffiċli ħafna li jiġu ċċekkjati. Bħala eżempju, wieħed mir-rekwiżiti jirreferi għat-twaqqit u l-metodu ta' użu minn pestiċidi. Id-diffikultà hawnhekk tinsab fil-fatt li l-kontrolli tal-kundizzjonalità ġeneralment jiġu notifikati minn qabel, u għaldaqstant huwa ferm mhux probabbli li spettur jinzerta bidwi jroxx prodott ipprojbit jew b'mod illegali. Xi rekwiżiti oħra jistgħu jiġu ċċekkjati biss matul ċertu perjodu tas-sena jew fin-nuqqas ta' ċerti kundizzjonijiet meteoroloġiċi (eż. riħ qawwi, ġelu), li mhux neċessarjament jikkoinċidu mat-twaqqit taż-żjara fuq il-post.

43 Fl-Istati Membri miżjura, instabu nuqqasijiet fis-sistema ta' kontrolli tal-kundizzjonalità relatati mal-ilma fil-livell tal-awtoritajiet maniġerjali:

— istruzzjonijiet dettaljati għall-ħidma jeżistu biss għal għadd limitat ta' kontrolli, u xi istruzzjonijiet huma tant ġenerali li ma jistgħux jiżguraw li l-ispetturi jkunu jafu eżattament x'jiċċekkjaw u kif jagħmlu dan, u li spetturi differenti jwettqu l-kontrolli bl-istess mod;

— kontroll obbligatorji ġew introdotti fi stadju tard jew għadhom neqsin;

— kontrolli fuq il-post huma kkonċentrati ħafna fil-ħarifa. Minbarra li jmorru kontra ċerti rekwiżiti regolatorji[37], dan ifisser li għadd ta' rekwiżiti relatati mal-ilma (bħall-projbizzjoni fuq it-tixrid ta' demel fuq bċejjeċ ta' art ta' lqugħ ikkultivati) ma jistgħux jiġu vverifikati viżwalment fuq il-post.

— kontrolli relatati mal-KAAT dwar it-tisqija ma kinux kompleti (ara l-***Kaxxa 9***).

## Il-Kummissjoni ma tiżgurax li l-istandards tal-KAAT huma xierqa fil-livell tal-Istati Membri

44 L-iskop tal-KAAT stabbilita taħt il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità huwa li tiġi infurzata prattika tajba bażika[38]. L-Istati Membri huma mistennija jissettjaw rekwiżiti minimi li jieħdu kont ta' kundizzjonijiet domestiċi agronomiċi, ambjentali u klimatiċi.

45 Fil-preżent, il-Kummissjoni tirċievi biss informazzjoni limitata, permezz ta' database onlajn, dwar l-implimentazzjoni tal-KAAT fl-Istati Membri. Din l-informazzjoni tikkonsisti f'referenzi għal-leġiżlazzjoni domestika applikabbli, kif ukoll għal sommarji pprovduti minn kull Stat Membru. Tingħata notifika fil-livell ġeografiku li l-Istati Membri stess iqisu xieraq. Pereżempju, fil-każ tal-Istati Membri miżjura matul l-awditu, l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-KAAT fil-livell reġjonali (bħal fl-Italja u fi Spanja) mhijiex inkluża.

37 L-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU L 316, 2.12.2009, p. 65) u l-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2011 tas-27 ta' Jannar 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, dwar l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll kif ukoll kundizzjonalità fir-rigward ta' miżuri ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali (ĠU L 25, 28.1.2011, p. 8).

38 Il-Parlament Ewropew, *Sustainable management of natural resources with a focus on water and agriculture* (Immaniġġjar sostenibbli ta' riżorsi naturali b'fokus fuq l-ilma u l-agrikoltura), Studju - Rapport Finali, Mejju 2013 http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/join/2013/488826/IPOL-JOIN_ET(2013)488826_EN.pdf

Kaxxa 9

### Il-volum reali ta' ilma estratt mhux iċċekkjat mal-kwantità awtorizzata

L-awditu sab dgħufijiet matul l-iċċekkjar tar-rekwiżiti tal-KAAT dwar it-tisqija. Dan l-istandard huwa miktub kif ġej: Fejn l-użu tal-ilma għat-tisqija huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni, irid ikun hemm konformità mal-proċeduri tal-awtorizzazzjoni. L-awditu sab bosta eżempji fejn, għalkemm il-proċeduri ta' Stat Membru pprevedew permessi ta' awtorizzazzjoni li jispeċifikaw volum massimu ta' estrazzjoni tal-ilma, l-ammont ta' ilma verament astratt ma ġiex iċċekkjat mal-limitu massimu mogħti fl-awtorizzazzjoni. Tali nuqqasijiet inaqqsu b'mod konsiderevoli l-effettività tal-kontrolli.

Skont il-listi ta' kontroll użati mill-ispetturi tal-kundizzjonalità fil-Greċja u fi Spanja, attwalment il-volum reali ta' ilma estratt mhuwiex iċċekkjat mal-permessi. Fis-Slovakkja, il-Qorti sabet li l-volum estratt lanqas biss jitkejjel. Għaldaqstant, il-kontrolli jistgħu jaċċertaw biss jekk ingħatax permess iżda mhux jekk benefiċjarju jinsabx fi ħdan il-limiti ssettjati fil-permess.

## 46

Il-Kummissjoni tivvaluta l-implimentazzjoni tal-KAAT minn perspettiva legali permezz ta' analiżi fl-uffiċċju bbażata fuq l-informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri u kkumplementata minn awditi fuq il-post. Il-Kummissjoni ma tivvalutax jekk ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Istati Membri fir-rigward taż-żewġ KAAT relatati mal-ilma humiex adegwati mill-perspettiva ambjentali tal-objettivi dwar il-protezzjoni tal-ilma. Fil-prattika, ir-rekwiżiti tal-KAAT ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Pereżempju, taħt il-KAAT fuq bċejjeċ ta' art ta' lqugħ[39] (ara l-***Figura 7***), il-wisa' minimu tal-bċejjeċ ta' art ivarja minn 25 cm sa 10 metri (ara t-***Tabella 3***).

## 47

F'xi Stati Membri/reġjuni, il-bċejjeċ ta' art ta' lqugħ jistgħu jiġu kultivati, filwaqt li f'oħrajn għandhom jiġu mgħottija bil-ħaxix jew mitluqa bħala art b'siġar mhux żviluppati. Xi Stati Membri jagħmlu eċċezzjonijiet għal għadd sinifikanti ta' korpi tal-ilma li jistgħu jinstabu fuq art agrikola (ara l-***Kaxxa 10***).

## 48

Ir-rekwiżiti jvarjaw ukoll b'mod enormi fost l-Istati Membri - anke dawk fejn hemm pressjoni partikolari fuq l-ilma - fil-każ tal-KAAT dwar it-tisqija. Din il-KAAT tirreferi għal leġiżlazzjoni eżistenti fl-Istati Membri iżda ma tintroduċix obbligi ġodda. F'xi Stati Membri/reġjuni, l-obbligu ta' permess għall-estrazzjoni tal-ilma jiddependi mill-volum estratt, il-post ġeografiku u t-tip ta' ilma estratt (ilma tas-superfiċje jew ta' taħt l-art). Xi Stati Membri jipprojbixxu t-tisqija lokalment matul perjodi nexfin. F'pajjiżi oħra l-bdiewa jridu jirrappurtaw b'mod annwali dwar il-volum tal-ilma użat għat-tisqija. L-awditu sab każijiet fejn ir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni għat-tisqija ma jħeġġux lill-bdiewa biex jużaw anqas ilma. Pereżempju, f'xi pajjiżi l-bdiewa jiġu ċċarġjati spejjeż skont l-erja tas-superfiċje tal-azjendi tagħhom aktar milli skont l-użu reali tal-ilma.

39 Din il-KAAT trid tirrispetta mill-anqas ir-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni fl-art ta' fertilizzant viċin mogħdijiet tal-ilma kif definit fid-Direttiva dwar in-Nitrati.

Figura 7

**Biċċa art ta' lqugħ**



Tabella 3

## Varjazzjoni wiesgħa fir-rekwiżiti għal bċejjeċ ta' art ta' lqugħ tal-KAAT

| Pajjiż | Wisa' tal-biċċa art ta' lqugħ | Obbligi u restrizzjonijiet |
|---|---|---|
| Id-Danimarka | minimu ta' 2 m | ebda kultivazzjoni, trattament tal-ħamrija jew taħwil |
| Il-Greċja | bejn 1 m u 6 m<br>jiddependi mix-xaqliba u t-tip ta' restrizzjoni | ebda kultivazzjoni (1 m) jew fertilizzant tan-nitroġenu (2 jew 6 m) |
| Spanja (l-Andalusija) | minn 2 m sa 10 m | art b'siġar mhux żviluppati, obbligatorja<br>ebda fertilizzant jew pestiċida |
| Franza | 5 m | kopertura obbligatorja ta' ħaxix, arbuxelli, buxxijiet jew siġar<br>ebda fertilizzant jew pestiċida minerali jew organika |
| L-Italja (il-Lombardija) | bejn 5 m u 3 m<br>jiddependi mill-istat tal-korp tal-ilma | kopertura obbligatorja ta' ħaxix<br>ebda ħdim ta' raba', u ebda fertilizzant inorganiku, demel jew demel likwidu |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | bejn 25 cm u 9 m<br>jiddependi mill-għalla u minn ċerti speċifikazzjonijiet tekniċi | ebda fertilizzant |
| Is-Slovakkja | 10 m | ebda fertilizzant industrijali jew organiku |

Kaxxa 10

## Korpi tal-ilma eżentati mill-KAAT fuq bċejjeċ ta' art ta' lqugħ

L-Istati Membri eżentaw ċerti kategoriji ta' korpi tal-ilma mill-KAAT fuq bċejjeċ ta' art ta' lqugħ. Fl-Italja (il-Lombardija), mogħdijiet tal-ilma iqsar minn 5 km jew li jappartjenu għal magħqad tal-ilma li jkun anqas minn 10 $km^2$ ma jeħtiġux bċejjeċ ta' art ta' lqugħ. Spanja (l-Andalusija) teżenta għadajjar, kanali għat-tisqija u ħniedaq, għalkemm mingħajr ma tiddefinixxi b'mod xieraq dawn il-korpi tal-ilma, u tiġġustifika dawn b'argumenti mhux ambjentali. Dan iżid ir-riskju li għadd eċċessiv ta' mogħdijiet tal-ilma jiġu esklużi mill-obbligu li jirrispettaw ir-rekwiżit għal biċċa art ta' lqugħ, u b'hekk jiġi mminimizzat l-impatt tal-KAAT fuq il-kwalità tal-ilma.

## Il-potenzjal tal-finanzjament għall-iżvilupp rurali biex jindirizza kwistjonijiet dwar l-ilma mhuwiex sfruttat bis-sħiħ

### 49

Il-finanzjament għall-iżvilupp rurali jammonta għal kważi EUR 100 biljun għall-perjodu 2007-2013. Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-iżvilupp rurali jidentifika l-protezzjoni tal-ilma bħala waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati[40]. Ir-regolament jenfasizza wkoll li "l-attivitajiet tal-FAEŻR, u l-operazzjonijiet li jikkontribwixxi għalihom għandhom ikunu konsistenti u kompatibbli mal-linji ta' politika l-oħra tal-Komunità"[41], bħall-politika dwar l-ilma. Għaldaqstant, l-iżvilupp rurali għandu potenzjal konsiderevoli, billi jagħmel il-fondi disponibbli u jissettja objettivi ċari fir-rigward tal-ilma, biex jikkontribwixxi għall-integrazzjoni fil-PAK tal-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma.

### 50

L-Istati Membri jimmobilizzaw fondi għall-iżvilupp rurali permezz tal-PŻR tagħhom (ara l-paragrafi 10 u 11), li fihom settijiet ta' miżuri li għalihom il-popolazzjonijiet immirati (eż. bdiewa) jistgħu jimpenjaw rwieħhom b'mod volontarju. Benefiċjarji ta' miżuri ta' żvilupp rurali jimpenjaw rwieħhom biex jikkonformaw ma' kundizzjonijiet speċifiċi ssettjati mill-Istat Membru tagħhom.

### 51

Fil-preżent, il-potenzjal tal-iżvilupp rurali mhuwiex sfruttat bis-sħiħ. Il-mod kif huma implimentati attwalment il-PŻR għandu impatt limitat fuq l-ilma minħabba li l-pressjonijiet relatati mal-ilma mhumiex identifikati b'mod komprensiv, il-PŻR u l-RBMPs għadhom mhumiex allinjati u li l-effetti sekondarji negattivi mhumiex dejjem evitati. Barra minn hekk, ma ntnefqux ammonti konsiderevoli ta' finanzjament immirat lejn l-ilma.

40 Il-premessa 31 għar-Regolament (KE) Nru 1698/2005: "L-appoġġ għall-metodi speċifiċi ta' ġestjoni tal-art għandu jikkontribbwixxi għall-iżvilupp sostenibbli billi jinkoraġġixxi lill-bdiewa u b'mod partikolari lid-detenturi ta' art forestali biex jagħmlu użu minn metodi ta' użu tal-art li huma kompatibbli mal-ħtieġa li jiġu ssalvagwardati l-ambjent naturali u l-pajsaġġ u li jiġu protetti u jittejbu r-riżorsi naturali. Dan għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-sitt Programm ta' Azzjoni Komunitarju dwar l-Ambjent u tal-konklużjonijiet tal-Presidenza dwar l-Istrateġija għal Żvilupp Sostenibbli. Il-kwistjonijiet ċentrali li għandhom jiġu indirizzati jinkludu l-bijodiversità, il-ġestjoni tas-siti Natura 2000, il-protezzjoni tal-ilma u l-ħamrija, [...]".

41 Il-premessa 6 għar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

## Il-pjanijiet tal-Istati Membri għall-infiq tal-iżvilupp rurali mhux dejjem jieħdu kont tal-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-ilma

### Xi kultant il-PŻR tal-Istati Membri ma jidentifikawx b'mod komprensiv problemi relatati mal-ilma u għadhom mhumiex allinjati mal-RBMPs

**52**
Għal kull Stat Membru/reġjun miżjur matul l-awditu, il-Qorti eżaminat jekk il-valutazzjoni ambjentali[42] mwettqa fil-kuntest tal-evalwazzjoni *ex ante* għall-PŻR, u l-analiżijiet ambjentali mwettqa fil-kuntest tal-RBMP, kinux kompleti u koerenti.

Filwaqt li tirrikonoxxi li l-erja ġeografika koperta miż-żewġ evalwazzjonijiet, kif ukoll it-twaqqit[43], in-natura u l-iskop tagħhom jistgħu jkunu differenti, il-Qorti tqis li l-valutazzjoni tal-problemi relatati mal-ilma għandha tkun konsistenti fiż-żewġ analiżijiet. Madankollu, hija sabet li xi kultant l-identifikazzjoni ta' problemi relatati mal-ilma fl-analiżijiet ambjentali tal-PŻR hija inkompleta, u lanqas ma hija dejjem konsistenti mal-informazzjoni disponibbli fil-kuntest tal-RBMPs. L-awditu żvela każijiet ta' problemi relatati mal-ilma li ma kinux identifikati fil-PŻR u għaldaqstant ma ġew indirizzati minn ebda miżura ta' żvilupp rurali (ara l-***Kaxxa 11***).

**53**
Attwament, il-kwalità fqira tal-programmi ta' miżuri fl-RBMPs (ara l-paragrafi 27 u 28) hija ostaklu għall-allinjament tagħhom mal-PŻR. Fejn jeżisti l-allinjament, dan jieħu l-forma ta' miżuri ta' żvilupp rurali integrati f'RBMP.

42 http://ec.europa.eu/agriculture/rurdev/eval/guidance/note_c_en.pdf (p. 14).

43 Filwaqt li l-valutazzjonijiet ambjentali għall-PŻR ġew abbozzati fl-2006, l-analiżijiet ambjentali mwettqa fil-kuntest tal-RBMPs (li jinkludu "analiżi tal-karatteristiċi [tad-distrett tal-baċin tax-xmara], reviżjoni tal-impatt ta' attività umana fuq l-istat tal-ilma tal-wiċċ u tal-qiegħ, u analiżi ekonomika ta' użu tal-ilma" (ara l-Artikolu 5 tad-WFD)) kellhom jiġu kkompletati mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2004.

**Kaxxa 11**

### Problemi relatati mal-ilma mhux identifikati b'mod komprensiv

- Fid-Danimarka, il-kwistjoni tal-estrazzjoni tal-ilma mhijiex koperta mill-valutazzjoni ambjentali għall-PŻR, għalkemm hija rilevanti fil-punent tal-pajjiż skont l-RBMP. Ebda miżura fil-PŻR Daniż ma tindirizza l-problema tal-estrazzjoni tal-ilma.

- Fi Spanja (l-Andalusija), il-programm ta' miżuri fl-RMBP ta' Guadalquivir jinkludi miżuri mmirati lejn l-ikkompletar tar-reġistru tal-ilma u l-ġlieda kontra l-estrazzjoni illegali. Madankollu, ir-rapport dwar is-sostenibbiltà ambjentali għall-PŻR u l-analiżi ambjentali mwettqa għall-RBMP ta' Guadalquivir ma jqisux il-problema tal-estrazzjoni illegali tal-ilma ta' taħt l-art. Apparti mill-miżuri ta' żvilupp rurali suġġetti għall-kundizzjonalità (ara l-paragrafu 8), il-PŻR ma fih ebda mekkaniżmu biex iħeġġeġ lill-benefiċjarji jikkonformaw mal-proċeduri tal-awtorizzazzjoni għall-ilma.

- Fis-Slovakkja, il-PŻR ma fih ebda miżura biex jiġu trattati dgħufijiet fir-rigward tal-kwantità tal-ilma jew indirizzati l-kwistjonijiet ta' tniġġis mill-pestiċidi, telf ta' artijiet mistagħdra jew estrazzjoni lokali eċċessiva tal-ilma ta' taħt l-art, li kollha kemm huma jiġu identifikati fl-RBMP iżda ma jissemmewx fil-valutazzjoni ambjentali għall-PŻR.

- Fil-Greċja, l-RBMP tat-Tessalija jsemmi problemi rigward bidliet idromorfoloġiċi u spieri mhux irreġistrati, iżda dawn ma jitqajmux fil-valutazzjoni ambjentali għall-PŻR. Il-PŻR Grieg ma fih ebda miżura li tindirizza pressjonijiet idromorfoloġiċi.

### Xi kultant l-implimentazzjoni tal-PŻR jkollha effetti sekondarji negattivi fuq l-ilma

**54**
Il-politiki agrikoli u ambjentali jista' jkollhom miri li jikkompetu ma' xulxin. Madankollu l-fondi għall-iżvilupp rurali għandhom jintużaw b'mod li huwa sostenibbli fir-rigward tal-immaniġġjar tal-ilma, u għaldaqstant il-PŻR għandu jkollhom klawżoli ta' salvagwardja biex jiġu evitati effetti sekondarji negattivi potenzjali (ara l-***Kaxxa 12***). Qabel tapprova PŻR, il-Kummissjoni twettaq kontrolli biex tidentifika l-effetti sekondarji negattivi potenzjali tal-miżuri ta' żvilupp rurali. Minkejja dan, it-tfassil ta' xi miżuri ta' żvilupp rurali li jkunu approvati kif suppost ma jwaqqafhomx milli jkollhom effetti sekondarji negattivi sostanzjali fuq l-ilma. Ċerti PŻR ġew approvati għalkemm ma kienx fihom klawżoli adegwati ta' salvagwardja (ara l-***Kaxxa 12***).

**55**
F'xi każijiet, ukoll jekk il-PŻR ikun jinkludi klawżoli ta' salvagwardja biex jiġu evitati effetti sekondarji negattivi fuq l-ilma, fil-prattika l-implimentazzjoni ta' miżuri tippermetti li jseħħu tali effetti sekondarji (ara l-***Kaxxa 13***).

**Kaxxa 12**

#### Eżempji ta' PŻR bi klawżoli ta' salvagwardja u oħrajn mingħajrhom

Il-PŻR għall-Italja (il-Lombardija) eżaminat matul l-awditu jinkludi klawżoli ta' salvagwardja fir-rigward tal-miżura mmirata fuq l-investimenti għall-modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli. Il-PŻR jippermetti l-kostruzzjoni ta' serer ġodda għall-ortikultura biss jekk ikun hemm iffrankar fl-enerġija u fl-ilma. Investimenti biex jiġi estiż in-netwerk eżistenti ta' tisqija jew tiżdied is-superfiċje tas-saqwi jitqiesu ineliġibbli.

Madankollu, it-tfassil tal-istess miżura fil-PŻR għal Spanja (l-Andalusija) tħalli lok għal effetti sekondarji negattivi sostanzjali bħall-estensjoni tal-erja taħt tisqija jew l-approvazzjoni ta' proġetti li jfissru żieda fil-konsum kumplessiv tal-ilma.

**Kaxxa 13**

#### Eżempju ta' effetti sekondarji negattivi dovuti għal dgħufijiet fl-implimentazzjoni ta' miżura ta' żvilupp rurali

Awditu tad-DAS imwettaq mill-Qorti fi Spanja sab li proġett taħt il-miżura 125 (Infrastruttura relatata mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura u l-forestrija) kien ġie approvat minkejja li d-drittijiet għall-ilma mogħtija lill-benefiċjarju ma kinux suffiċjenti biex irendu l-proġett ekonomikament vijabbli u l-benefiċjarju kkonsma ammont sinifikanti ta' ilma aktar mid-dritt tiegħu, u b'hekk kiser żewġ kriterji ta' eliġibbiltà għal dan it-tip ta' proġetti. Dan juri li l-kontrolli mwettqa sabiex tiġi approvata applikazzjoni għal proġett ma kinux effettivi, u li r-rekwiżiti bażiċi li fil-prinċipju kellhom jipprevjenu effetti sekondarji negattivi (bħal ebda żieda fl-ammont ta' ilma użat) ma kinux garantiti.

## Il-finanzjament għall-iżvilupp rurali ma ntużax b'mod suffiċjenti bħala rispons għal kwistjonijiet tal-ilma

### Ir-rata ta' implimentazzjoni ta' miżuri relatati mal-ilma mhijiex dejjem miexja kif suppost

**56**

Miżuri ta' żvilupp rurali li jista' jkollhom effett dirett fuq il-protezzjoni tal-ilma jinkludu dawk li jeħtieġu li l-bdiewa jbiddlu l-prattiki agrikoli tagħhom billi jnaqqsu l-użu ta' pestiċidi jew fertilizzanti jew billi jadattaw l-għelejjel tagħhom għas-sitwazzjoni idroloġika lokali. Il-mod kif dawn il-miżuri fil-fatt jintużaw huwa fattur importanti matul il-valutazzjoni dwar jekk il-potenzjal tal-FAEŻR fir-rigward tal-protezzjoni tal-ilma ġiex sfruttat bis-sħiħ. Il-Qorti eżaminat dan l-aspett, l-ewwel nett, permezz ta' analiżi tal-miżuri attivati mill-Istati Membri fil-PŻR tagħhom u, it-tieni nett, permezz ta' analiżi tal-użu mill-Istati Membri tal-possibbiltajiet offruti mill-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 fir-rigward ta' spejjeż relatati mal-implimentazzjoni tad-WFD.

**57**

Il-Qorti analizzat ir-rata ta' implimentazzjoni ta' miżuri ta' żvilupp rurali attivi identifikati mill-Istati Membri nfushom bħala li għandhom effett dirett fuq il-protezzjoni tal-ilma. Għalkemm din l-analiżi fiha ċerti limitazzjonijiet[44], ir-riżultati juru li f'madwar nofs il-każijiet kollha r-rati ta' implimentazzjoni mexjin kif suppost.

44 Billi l-miżuri ħafna drabi jkollhom sub-miżuri li ma jindirizzawx l-ilma, mhux il-proġetti kollha ffinanzjati taħt dawn il-miżuri jkunu fil-fatt relatati mal-protezzjoni tal-ilma.

**58**

Madankollu, l-Istati Membri naqsu milli jieħdu vantaġġ mill-possibbiltajiet offruti mill-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, li b'mod speċifiku jipprovdi li l-Miżura 213[45] tista' tintuża sabiex tikkumpensa għall-ispejjeż imġarrba u d-dħul mitluf li jirriżultaw minn żvantaġġi fl-erjas relatati mal-implimentazzjoni tad-WFD (ara t-***Tabella 4***).

**59**

Fiż-żmien taż-żjarat tal-awditjar, ebda wieħed mill-Istati Membri bl-eċċezzjoni tad-Danimarka[46] ma kien attiva l-miżura 213 fir-rigward tad-WFD kif provdut fl-Artikolu 38. Skont il-Kummissjoni[22], 4 % biss tal-RBMPs ippreżentati lilha jindikaw li huma se jużaw l-Artikolu 38 biex jikkumpensaw lill-bdiewa għar-rekwiżiti tad-WFD. Dan l-użu limitat tal-miżura 213 kien ikkawżat minn, fost affarijiet oħra, dewmien mill-Istati Membri fl-iffinalizzar tal-RBMPs tagħhom. Fattur ieħor li huwa sfavorevoli għall-użu tal-miżura 213 huwa li, għal pagamenti marbuta mad-WFD, ir-regoli ta' implimentazzjoni ma ġewx ippubblikati sa Frar 2010[47] – tliet snin u xahrejn wara l-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni għall-iżvilupp rurali[48] u aktar minn sena wara li l-RBMPs kellhom jiġu kkompletati taħt l-Artikolu 13 tad-WFD.

45 Il-Miżura 213: "Pagamenti tan-Natura 2000 u pagamenti marbuta mad-Direttiva 2000/60/KE (id-WFD)".

46 Id-Danimarka kienet attivat il-miżura 213 biex tikkumpensa għall-ispejjeż relatati mal-implimentazzjoni ta' bċejjeċ ta' art ta' lqugħ wisgħin 10m, iżda minħabba s-sospensjoni tal-RBMPs Daniżi f'Diċembru 2012, l-implimentazzjoni tal-miżura tinsab wieqfa.

47 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 108/2010 tat-8 ta' Frar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1974/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 36, 9.2.2010, p. 4).

48 FAEŻR 2007-2013.

**Tabella 4**

## Rati ta' implimentazzjoni għal miżuri ta' żvilupp rurali1 identifikati mill-Istati Membri bħala li għandhom effett dirett fuq il-protezzjoni tal-ilma (f'%)

| Pajjiż / Miżura | 115 | 121 | 125 | 213 | 214 | 216 | 226 | 321 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | | | | | 84,1 | 24,2 | | |
| Franza (kontinentali) | | 69,7 | 39,8 | | 85,8 | 16,9 | | |
| Il-Grećja | | 17,0 | 35,7 | | 71,7 | | | 21,5 |
| L-Italja (il-Lombardija) | | 75,8 | 42,4 | | 69,0 | 51,9 | | |
| Is-Slovakkja | | 85,8 | | | 88,2 | | 91,8 | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | | 51,0 | 30,4 | | 95,7 | 9,7 | | |
| Spanja (l-Andalusija) | 9,4 | 70,0 | 27,6 | | 73,1 | | | |

Rati ta' implimentazzjon mexjin kif suppost (> 60 %)

Il-Miżura 213 mhija attivata f'ebda wieħed mill-Istati Membri miżjura matul l-awditu

Il-miżura mhijiex identifikata mill-Istat Membru miżjur bħala li għandha effett dirett fuq l-ilma Protezzjoni

1 Il-Miżura 115: "twaqqif ta' servizzi ta' tmexxija, għajnuna u konsulenza"; il-miżura 121: "modernizzar ta' azjendi agrikoli"; il-miżura 125: "infrastruttura relatata mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura u l-forestrija"; il-miżura 214: "ħlasijiet agroambjentali"; il-miżura 216: "investimenti mhux produttivi"; il-miżura 226: "ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni"; u l-miżura 321: "servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali".

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea, data fil-31 ta' Marzu 2013.

### Strumenti finanzjarji li kienu ġew konċeputi speċjalment biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-ilma bilkemm intużaw

## 60

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2009/61/KE[49] indikat il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rispons għal għadd ta' sfidi ġodda kruċjali identifikati fl-2003[50], li waħda minnhom kienet il-ġestjoni tal-ilma. Skont id-Deċiżjoni, il-Kontroll tas-Saħħa għamel disponibbli fondi addizzjonali mmirati fuq dawk l-isfidi. Il-baġit addizzjonali totali kien ta' EUR 3,8 biljun. Fl-istess żmien, bħala rispons għall-kriżi ekonomika tal-2008, il-Kummissjoni fasslet il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku[51] (l-EERP). L-EERP pprovda EUR 1 biljun aktar biex jintnefqu fuq broadband f'żoni rurali u fuq kwalunkwe waħda mill-isfidi l-ġodda.

## 61

Fl-2010, taħt l-ewwel emendi għall-PŻR wara l-Kontroll tas-Saħħa, l-Istati Membri allokaw 26,9 % tal-fondi addizzjonali tal-PAK (EUR 1,3 biljun) għall-isfida l-ġdida tal-immaniġġjar tal-ilma[52] (ara l-***Figura 8***). Ir-rata medja ta' implementazzjoni ta' dawn il-fondi fi tmiem l-2012 kienet ta' 17,5 % għall-UE 27, għalkemm din iċ-ċifra tvarja b'mod wiesa' fost l-Istati Membri[53] (ara l-***Anness IV*** għal aktar dettalji). Għalkemm il-Kontroll tas-Saħħa pprovda opportunità biex jiġu integrati ulterjorment fil-PŻR kwistjonijiet relatati mal-immaniġġjar tal-ilma, fil-prattika l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu ftit li xejn użu mill-fondi żejda.

49 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/61/KE tad-19 ta' Jannar 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2006/144/KE dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013) (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 112).

50 Il-premessa 3 għad-Deċiżjoni 2009/61/KE: "Fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni tal-2003, it-tibdil fil-klima, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-ġestjoni tal-ilma, il-bijodiversità u r-ristrutturar tal-prodotti tal-ħalib kienu identifikati bħala sfidi ġodda kruċjali għall-agrikoltura Ewropea."

51 KUMM(2008) 800 final tas-26 ta' Novembru 2013.

52 Il-Qorti tirrikonoxxi li xi wħud mill-fondi kkontabilizzati bħala li jindirizzaw l-'isfida l-ġdida' tal-bijodiversità jistgħu jkollhom ukoll effett pożittiv fuq l-ilma.

53 Il-Kummissjoni ma għandhiex ċifri vvalidati għal dawn ir-rati ta' implimentazzjoni. Madankollu ċ-ċifri ppreżentanti mill-Qorti huma bbażati fuq informazzjoni fornita mill-Kummissjoni.

Figura 8

**Distribuzzjoni ppjanata ta' fondi ta' Kontroll tas-Saħħa u Rkupru fost "sfidi ġodda" fl-2010**




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

## Il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas ma ġiex integrat fil-PAK

**62**
Il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas jirrikjedi lil min iniġġes li jġarrab l-ispiża tal-prevenzjoni, il-kontroll, u t-tindif tat-tniġġis[54]. Illum il-ġurnata l-prinċipju huwa obbligu legali approvat mill-UE fit-Trattat[55] tagħha u fid-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali[56], u ssir referenza espliċita għalih fl-Artikolu 9 tad-WFD.

**63**
Il-prattiki agrikoli jirriżultaw kemm f'benefiċċji kif ukoll f'piżijiet fuq l-ambjent. L-effettti ambjentali negattivi tal-agrikoltura ħafna drabi jinkludu l-introduzzjoni ta' kimiċi mhux mixtieqa (inkwinanti) fl-ambjent. In-natura mxerrda tat-tniġġis mill-agrikoltura u d-diffikultà tal-identifikazzjoni ta' dak li jniġġes, ixekklu l-infurzar ta' liġijiet ambjentali u l-allokazzjoni ta' responsabbiltà għad-danni[54]. Madankollu, il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas għandu japplika meta attivitajiet agrikoli jimponu dannu ambjentali li jaffettwa proprjetà privata u pubblika[54]. Jista' jkun li jeżistu mekkaniżmi biex jiġi infurzat il-prinċipju ta' min iniġġies iħallas (bħal multi imposti fil-livell tal-Istati Membri), iżda dawn ma jinfluwenzawx il-pagamenti li l-benefiċjarji tal-PAK jirċievu.

**64**
Il-penali attwalment applikati għall-bdiewa għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità (jiġifieri li jaqbżu livell regolatorju aċċettabbli ta' tniġġis) mhumiex ikkalkulati abbażi tal-ispiża tad-dannu kkawżat u għalhekk, jistgħu jirrappreżentaw porzon biss ta' din l-ispiża. F'bosta każijiet dawn mhumiex proporzjonali għas-serjetà tal-ksur mill-bidwi tal-obbligi ta' kundizzjonalità. Dan kien diġà ġie osservat mill-Qorti fir-rapport speċjali Nru 8/2008. F'dan ir-rigward, il-Qorti terġà tiġbed l-attenzjoni għad-dgħufijiet innutati fil-paragrafi 40 sa 43 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kundizzjonalità. Għaldaqstant, fil-preżent, kif inhi attwalment applikata, il-kundizzjonalità tista' tipprovdi rispons utli iżda parzjali biss għall-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

**65**
Għadd sinifikanti ta' pagamenti taħt l-iżvilupp rurali mhumiex marbuta mal-kundizzjonalità[9]. B'riżultat ta' dan, bidwi li jniġġes se jkompli jirċievi dawn il-pagamenti mingħajr ebda tnaqqis. Fil-preżent, ma jeżisti ebda mekkaniżmu li jieħu kont b'mod proporzjonali tal-ispejjeż tal-prevenzjoni jew tat-tindif tat-tniġġis li jkun ikkawża bidwi u li jnaqqas il-pagamenti tal-iżvilupp rurali skont dan.

54 Margaret Rosso Grossman, Agriculture and the Polluter Pays Principle (L-Agrikoltura u l-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas), vol. 11.3 *Electronic Journal of Comparative Law*, Diċembru 2007, http://www.ejcl.org/113/article113-15.pdf.

55 L-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

56 Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56), emendata bid-Direttiva 2006/21/KE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15) u d-Direttiva 2009/31/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

## Sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ma jurux l-istampa kollha

### 66

Għaddew għadd ta' snin minn meta l-politika tal-UE dwar l-ilma ġiet imsaħħa u ġew stabbiliti l-istrumenti tal-PAK bil-potenzjal li jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-ilma:

(i) il-kundizzjonalità ġiet introdotta fl-2003 u ilha obbligatorja għall-bdiewa kollha li ilhom jirċievu pagamenti diretti mill-2005 'l hawn;

(ii) l-iżvilupp rurali ġie inkluż fil-PAK fis-sena 2000; u

(iii) id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma daħlet fis-seħħ fis-sena 2000, bir-rekwiżit għall-Istati Membri li jkollhom programmi ta' monitoraġġ operazzjonali sa tmiem l-2006.

### 67

Fil-forma preżenti tagħhom, is-sistemi ta' monitoraġġ ma jagħtux ħarsa ġenerali komprensiva tal-pressjonijiet tal-agrikoltura fuq l-ilma. L-informazzjoni f'dan ir-rigward hija parzjali, frammentata u xi drabi tasal tard. Ir-raġunijiet għal dan huma li

(i) is-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni huma ta' użu limitat fir-rigward ta' informazzjoni relatata mal-ilma,

(ii) l-arranġamenti ta' monitoraġġ tal-politika dwar l-ilma ġew stabbiliti tard u huma inkompleti u

(iii) ebda sistema ta' informazzjoni oħra ma hija kapaċi tipprovda d-*data* meħtieġa biex il-kwalità u l-kwantità tal-ilma jintrabtu ma' prattiki agrikoli.

## Is-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK huma ta' valur limitat fil-kejl tal-progress lejn l-objettivi tal-ilma stipulati fir-regolamenti tal-PAK

### 68

Il-liġi tal-UE[57] tirrikjedi li l-Istati Membri jippreżentaw rapport annwali lill-Kummissjoni li jkun fih "ir-riżultati tal-kontrolli marbuta ma' kundizzjonalità". Dawk ir-riżultati huma relatati mal-għadd ta' kontrolli mwettqa u mal-ksur tad-diversi rekwiżiti ta' kundizzjonalità. Huma ma jinkludux informazzjoni dwar l-impatt tal-kundizzjonalità fuq il-kwalità jew il-kwantità tal-ilma, u qatt ma kienu intenzjonati biex jagħmlu dan.

### 69

Il-Kummissjoni timmonitorja u tevalwa l-azzjonijiet kollha tal-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 permezz tal-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (is-CMEF). Is-CMEF juża indikaturi biex ikejjel il-progress lejn l-objettivi tal-iżvilupp rurali, kif ukoll evalwazzjonijiet minn evalwaturi indipendenti.

57 L-Artikolu 84(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009.

**70**
Fejn huwa kkonċernat l-ilma, is-CMEF jistabbilixxi ħames indikaturi tax-xenarju ta' referenza[58], indikatur wieħed tar-riżultati ("erja taħt immaniġġjar b'suċċess tal-art li tikkontribwixxi għall-kwalità tal-ilma") u indikatur wieħed tal-impatti ("titjib fil-kwalità tal-ilma"). L-awditu sab li l-indikatur tar-riżultati mhuwiex preċiż bizzejjed billi ma jispeċifikax xi jrid jiġi mfisser bi "mmaniġġjar b'suċċess tal-art", li l-indikatur tal-impatti fuq il-kwalità tal-ilma jirreferi biss għal nitrati u fosforu, u li ma hemm ebda indikatur tal-kwantità tal-ilma. Barra minn hekk, ir-rappurtar mill-Istati Membri għall-indikaturi kollha tas-CMEF ħafna drabi jkun skadut jew inkomplet. F'bosta każijiet, l-Istati Membri ma ssettjawx miri.

**71**
Dokument ta' gwida tas-CMEF[59] jistipula ħames mistoqsijiet ta' evalwazzjoni relatati mal-ilma. Instabu xi eżempji tajbin ta' evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu li fihom l-evalwaturi kienu kapaċi jikkwantifikaw l-impatt ta' ċerti (sub) miżuri dwar il-kwalità tal-ilma bl-użu ta' mudelli, stħarriġiet tal-benefiċjarji u riċerka kwalitattiva (ara l-***Kaxxa 14***). Madankollu, dan mhuwiex approċċ ġeneralizzat u hemm nuqqasijiet ċari fir-rigward tal-kwantifikazzjoni sistematika ta' riżultati u impatti, kompletezza tad-*data*, affidabbiltà u konsistenza. Bosta evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu jiġbdu l-attenzjoni għan-nuqqas ta' miri fil-PŻR, li jagħmilha diffiċli biex jiġi vvalutat il-progress lejn l-objettivi tal-ilma.

58 Kwalità tal-ilma (bilanċi gross tan-nutrijenti), kwalità tal-ilma (tniġġis minn nitrati u pestiċidi), kwalità tal-ilma (% tat-territorju deżinjat bħala żona vulnerabbli għan-nitrati) użu tal-ilma (% ta' art imsaqqa utilizzata), foresti protettivi li jikkonċernaw primarjament il-ħamrija u l-ilma.

59 Manwal dwar il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni. Dokument ta' gwida, id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali, Settembru 2006.

Kaxxa 14

### Eżempju tajjeb ta' kwantifikazzjoni tal-impatt f'evalwazzjoni ta' nofs it-terminu

L-Italja (il-Lombardija) – Għall-miżura 214 (pagamenti agroambjentali), l-evalwatur uża mudelli biex jikkalkula, fil-livell ta' ħbula art, l-eċċess ta' nitroġenu u l-proporzjon tossiċità/esponiment imkejla fl-ilma ta' taħt l-art bħala konsegwenza tal-użu ta' pestiċidi. Fil-livell reġjonali, it-tnaqqis kumplessiv fl-eċċess ta' nitroġenu dovut għall-miżura 214 kien ta' 2,6 kg/ha, u kien hemm tnaqqis ta' 3,9 % fil-proporzjon tossiċità/esponiment. L-effett kien aktar evidenti f'erjas fejn l-użu tal-miżura kien kiseb aktar suċċess.

## L-arranġamenti ta' monitoraġġ tal-politika dwar l-ilma huma inkompleti

**72**
L-Artikolu 8 tad-WFD jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu "programmi għall-monitoraġġ tal-istat tal-ilma sabiex titwaqqaf deskrizzjoni ġenerika koerenti u komprensiva tal-istat tal-ilma fi ħdan kull distrett ta' baċin tax-xmara". Il-programmi ta' monitoraġġ kellhom ikunu operazzjonali sal-2006 u kellhom jikkonsistu fi programm ta' monitoraġġ ta' sorveljanza (li jkopri d-distrett kollu kemm hu) u fi programm ta' monitoraġġ operazzjonali (monitoraġġ aktar frekwenti u aktar dens immirat lejn l-identifikazzjoni ta' erjas problematiċi). L-Istati Membri jistgħu jagħżlu wkoll li jistabbilixxu programmi ta' monitoraġġ investigattiv (eż. għal sustanzi speċifiċi).

73
Wara valutazzjoni tal-programmi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri fl-2012, l-EEA rrappurtat: Hemm eżempji ta' rappurtar ta' kwalità għolja tajjeb ħafna. Madankollu, hemm każijiet ukoll fejn ir-rappurtar fih diskrepanzi jew kontradizzjonijiet[60]. F'rapport ieħor, il-Kummissjoni tiddikjara: "Lakuna ċara fil-monitoraġġ toħroġ mill-informazzjoni rrappurtata lill-Kummissjoni. […] F'uħud mill-Istati Membri l-istatus ekoloġiku u kimiku tal-ilma mhuwiex magħruf għal iktar minn 50 % tal-korpi tal-ilma"[61]. F'xi Stati Membri, netwerks għall-monitoraġġ ġew stabbiliti tard u/jew għandhom dgħufijiet metodoloġiċi. L-awditu sab li, f'xi Stati Membri, il-monitoraġġ jiffoka fuq il-ġbir ta' informazzjoni dwar l-istatus tal-korpi tal-ilma, bi ftit li xejn interess fil-monitoraġġ tal-pressjonijiet fuq l-ilma (ara l-***Kaxxa 15***). Fil-livell lokali, saru xi studji xjentifiċi jew netwerks esperimentali li jorbtu l-prattiki agrikoli mal-kwalità tal-ilma (ara l-***Kaxxa 16***).

60 Ir-Rapport Nru 8/2012 tal-EEA "European waters – assessment of status and pressures" (Ilmijiet Ewropej – valutazzjoni tal-istatus u l-pressjonijiet).

61 COM(2012) 670 final. Report from the Commission to the European Parliament and the Council on the Implementation of the Water Framework Directive (Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma) (2000/60/KE). River Basin Management Plans (Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara).

Kaxxa 15

## Eżempju ta' dgħufijiet f'netwerk għall-monitoraġġ

Franza – It-tabella ta' valutazzjoni tal-RBMP ma fihiex indikaturi speċifiċi għall-monitoraġġ ta' pressjonijiet agrikoli waħidhom. Wieħed mill-indikaturi pprovduti huwa relatat mal-impatt kumulattiv ta' attivitajiet domestiċi, industrijali u agrikoli fuq l-istatus tal-ilma. L-istess japplika għal indikatur dwar il-qbiż ta' miri kwantitattivi f'punti nodali.

Ukoll fi Franza, indikatur dwar il-volum ta' ilma miġbur minn korpi ta' ilma ta' taħt l-art u tas-superfiċje minn diversi setturi ta' attività jikkwantifika l-ilma użat għat-tisqija, iżda dan l-indikatur (i) ma għandu ebda objettiv kwantifikat u (ii) ma jippermettix li volumi estratti jitqabblu ma' dak li huwa sostenibbli fi żminijiet ta' skarsezza tal-ilma.

Kaxxa 16

## Eżempji tajbin ta' netwerks għall-monitoraġġ

Il-Pajjiżi l-Baxxi għandhom żewġ grilji ta' monitoraġġ speċifiċi li jorbtu l-agrikoltura mal-ilma. L-ewwel netwerk jivvaluta l-konċentrazzjonijiet ta' għadd ta' sustanzi f'azjendi agrikoli u jorbot dawn ma' database li fih informazzjoni dwar it-tip ta' mmaniġġjar, id-demel u s-sustanzi użati, eċċ. In-netwerk l-ieħor juża punti ta' ttestjar eżistenti f'erjas agrikoli biex tiġi vvalutata l-influwenza tal-agrikoltura fuq il-kwalità tal-ilma (kontenut ta' fosforu u nitroġenu).

Id-Danimarka għandha programm ta' monitoraġġ mmirat lejn id-dokumentazzjoni tal-effett tal-pjanijiet nazzjonali dwar l-ambjent akwatiku u programmi oħra tas-settur agrikolu dwar il-lissija ta' nutrijenti fl-ambjent akwatiku. Sitt mqagħad tal-ilma rappreżentattivi huma mmonitorjati permezz ta' kejl dirett, intervisti ma' bdiewa dwar il-prattiki agrikoli tagħhom u mudellar tar-relazzjoni bejn l-agrikoltura u t-telf ta' nutrijenti fl-ambjent.

## 74

Għaldaqstant, il-monitoraġġ taħt id-WFD żied l-għarfien dwar l-istatus tal-ilmijiet Ewropej u l-pressjonijiet li jaffettwawhom, iżda għadu inkomplet u r-riżultati jridu jiġu interpretati b'attenzjoni minħabba diskrepanzi fid-*data* u nuqqasijiet metodoloġiċi. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ma hemm ebda monitoraġġ mill-Istati Membri tal-miżuri individwali fil-programmi tal-RBMPs (ara t-***Tabella 2***).

## 75

Fir-rigward tal-monitoraġġ tal-kontenut ta' nitrati tal-ilma tas-superfiċje u ta' taħt l-art, id-Direttiva dwar in-Nitrati[62] tirrikjedi li l-Istati Membi "jfasslu u jimplimentaw programmi ta' monitoraġġ xierqa sabiex jivvalutaw l-effettività tal-programmi ta' azzjoni". Kull erba' snin huma meħtieġa jirrappurtaw dwar konċentrazzjonijiet ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art u f'dak tas-superfiċje, l-ewtrofikazzjoni tal-ilma tas-superfiċje, l-impatt tal-programmi ta' azzjoni fuq il-kwalità tal-ilma u fuq il-prattiki agrikoli, reviżjonijiet ta' żoni vulnerabbli għan-nitrati u programmi ta' azzjoni u tendenzi futuri antiċipati fil-kwalità tal-ima[63]. Dawn ir-rapporti mill-Istati Membri jintużaw bħala l-bażi għal rapport fil-qosor mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Madankollu, kien hemm dewmien fir-rappurtar tal-Istati Membri taħt id-Direttiva dwar in-Nitrati. Ir-rapport fil-qosor tal-UE għall-2008-2011 ma ġiex ippubblikat qabel l-4 ta' Ottubru 2013[64].

## 76

Ir-rapporti individwali tal-Istati Membri għall-2008-2011 juru differenzi fil-kwalità u fl-approċċ. Fir-rapport fil-qosor tagħha, il-Kummissjoni tiddikjara: Kien hemm varjetà kbira kemm fil-format u kemm fil-kwalità tal-kontenut tar-rapporti fost l-Istati Membri, u konsegwentement sfidi fl-iżvilupp ta' sintesi aggregata konsistenti fil-livell tal-UE. Bl-istess mod, f'għadd ta' każijiet, id-*data* diġitali pprovduta flimkien mar-rapporti bil-miktub mill-Istati Membri, ippreżentat inkonsistenzi u diffikultajiet fl-interpretazzjoni, li kienu jeħtieġu kjarifiki mill-Istati Membri. Minbarra l-fatt li mhux dejjem tkun disponibbli d-*data* għall-Istati Membri kollha, f'xi każijiet ma jkun hemm ebda kumparabbiltà tad-*data* bejn l-Istati Membri.

62 L-Artikolu 5(6) tad-Direttiva dwar in-Nitrati (91/676/KEE).

63 http://ec.europa.eu/environment/water/water-nitrates/

64 Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2013) 405 final li jakkumpanja r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli u bbażat fuq rapporti tal-Istati Membri għall-perjodu 2008-2011.

### WISE, il-"passarella għall-informazzjoni dwar l-ilma Ewropew", jeħtieġ li jittejjeb aktar

**77**
Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE) inħolqot fl-2003 kemm bħala għodda ta' rappurtar għall-Istati Membri kif ukoll bħala portal onlajn li jagħti aċċess għall-informazzjoni dwar l-ilma fil-livell tal-UE. WISE tiġbor diversi flussi tad-*data* ġejjin kemm minn *data* obbligatorja miġbura mid-DĠ Ambjent tal-Kummissjoni bħala parti mill-obbligi tagħha taħt id-Direttivi Qafas dwar l-Ilma, l-Ilma Urban Mormi, l-Ilma għall-Għawm u l-Ilma Tajjeb għax-Xorb, u kemm minn *data* volontarja miġbura mill-EEA fuq bażi annwali[65]. WISE ma fihiex *data* rappurtata mill-Istati Membri taħt id-Direttiva dwar in-Nitrati[66] jew *data* miġbura mid-DĠ Agrikoltura permezz tas-CMEF. Mill-2003 sal-2011, id-*data* miġbura u kollazzjonata minn WISE iffukat fuq il-kwalità tal-ilma aktar milli fuq il-kwantità tal-ilma jew ir-riskju ta' skarsezza tal-ilma[4].

**78**
Minkejja l-potenzjal tagħha biex tipprovdi informazzjoni komprensiva dwar l-ilma fl-Ewropa, WISE qed tesperjenza xi diffikultajiet. Mhux il-flussi tad-*data* kollha f'WISE huma integati bis-sħiħ. Minħabba kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità tad-*data* u differenzi fl-iskala, il-frekwenza tad-*data* (eż. medji annwali mqabbla ma' medji ta' kull erba' snin) u l-ipproċessar tad-*data* mill-Istati Membri (xi pajjiżi jipprovdu *data* aggregata), mhuwiex dejjem possibbli li d-*data* tiġi kollazzjonata sabiex tiġi sfruttata bis-sħiħ.

### L-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżviluppa indikaturi li jorbtu l-kwalità u l-kwantità tal-ilma ma' prattiki agrikoli għadhom ma kellhomx suċċess

**79**
Mill-2002 'il hawn, il-Kummissjoni ilha taħdem fuq l-iżvilupp ta' sett ta' indikaturi agroambjentali (AEIs) biex tittraċċa l-integrazzjoni fil-PAK ta' kwistjonijiet ambjentali fil-livell tal-UE, f'dak tal-Istati Membri u f'dak reġjonali[67]. Fil-prattika, id-disponibbiltà tad-*data* hija problema għall-biċċa l-kbira ta' dawn l-indikaturi (ara t-***Tabella 5***). Ebda wieħed mill-AEIs ma jagħmel ir-rabta ma' prattiki agrikoli individwali.

65 L-indikaturi tal-EEA relatati mal-agrikoltura u l-ilma huma: bilanċ gross tan-nutrijenti; użu tar-riżorsi tal-ilma ħelu; sustanzi li jikkunsmaw l-ossiġenu fix-xmajjar; nutrijenti fl-ilma ħelu; nutrijenti fl-ilmijiet transizzjonali, kostali jew ibħra; klorofilla fl-ilmijiet transizzjonali, kostali u ibħra; pestiċidi fl-ilma ta' taħt l-art (EEA Environmental Indicator Report 2012) (ir-rapport 2012 tal-EEA dwar Indikaturi Ambjentali).

66 Fejn huma konċernati n-nitrati, l-EEA u d-DĠ Ambjent ħadmu flimkien fis-snin reċenti biex tiġi ssimplifikata d-*data* mir-rapporti dwar l-Istat tal-Ambjent u miġbura taħt id-Direttiva dwar in-Nitrati u d-WFD. L-għan huwa li jonqos il-piż tar-rappurtar għall-Istati Membri filwaqt li jitjiebu l-kumparabbiltà u l-konsistenza tad-*data* minn diversi sorsi. Attwalment, dan ix-xogħol jinsab sospiż.

67 http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/agri_environmental_indicators/introduction.

Tabella 5

## Ħarsa ġenarali lejn l-AEIs li jidentifikaw pressjonijiet maġġuri fuq il-kwalità u l-kwantità tal-ilma

| Intestatura tal-indikatur AEI | Indikatur prinċipali/ subindikatur | Korp responsabbli | Problemi misjuba |
|---|---|---|---|
| Bilanċ gross tan-nitroġenu | Eċċess potenzjali ta' nitroġenu fuq art agrikola (kg/ha/sena) | l-Eurostat | Il-metodi biex jiġi kkalkulat il-bilanċ gross tan-nitroġenu mhumiex konsistenti fost il-pajjiżi, id-*data* mhijiex kumparabbli fost il-pajjiżi. |
| Riskju ta' tniġġis mill-fosforu | Eċċess potenzjali ta' fosforu fuq art agrikola (kg/ha/sena)<br><br>Vulnerabbiltà għal-lissija/skol tal-fosforu | l-Eurostat<br><br>id-DĠ Ambjent | Il-metodi biex jiġi kkalkulat il-bilanċ gross tal-fosforu mhumiex konsistenti fost il-pajjiżi, id-*data* mhijiex kumparabbli fost il-pajjiżi.<br><br>Għadu mhux lest, minħabba disponibbiltà limitata tad-*data* u diffikultajiet metodoloġiċi. |
| Kwalità tal-ilma – tniġġis min-nitrati | Xmajjar u ilma ta' taħt l-art b'konċentrazzjonijiet ta' nitrati 'l fuq minn 50 mg $NO_3$/l<br><br>Konċentrazzjonijiet ta' nitrati ogħla minn 25 mg $NO_3$/l jinsabu f'limitu ta' twissija | l-Eurostat | Id-*data* disponibbli mhijiex dettaljata biżżejjed biex jiġi stabbilit jekk it-tendenza hijiex differenti f'erjas li jibbenefikaw mill-miżuri tal-PAK meta mqabbla ma' erjas li ma jibbenefikawx. Ebda divrenzjar ibbażat fuq ir-reġjun, it-tip ta' ħamrija, eċċ., għalkemm dan kieku jkun utli sabiex jiġu ddeterminati l-kawżi ta' dawn it-tendenzi. |
| Kwalità tal-ilma – tniġġis mill-pestiċidi | | l-EEA | Informazzjoni limitata disponibbli. Nuqqas ta' *data* affidabbli dwar pestiċidi fl-ilma ta' taħt l-art. |
| Tisqija | Sehem (%) ta' erja tas-saqwi f'erja agrikola użata (EAU) (u t-tendenza tagħha) | l-Eurostat | Ebda informazzjoni dwar kejl tal-ilma bil-miter sabiex tiġi mkejla l-effiċjenza. L-informazzjoni mhijiex irrappurtata fil-livell tal-baċin tax-xmara. Ebda rabta mal-użu tal-ilma (estrazzjoni tal-ilma u l-istat tal-ilma fl-erja). |
| Estrazzjoni tal-ilma | Estrazzjoni annwali tal-ilma skont is-sors u s-settur<br><br>L-użu tal-ilma skont il-kategorija ta' provvista u l-utent | l-EEA/Eurostat | Id-data hija disponibbli biss għal bejn nofs u żewġ terzi tal-Istati Membri. |
| Riskju ta' pestiċidi | Indiċi ta' riskju ta' danni minn tossiċità u esponiment għal pestiċidi | id-DĠ SANCO / l-Eurostat | Ebda *data* disponibbli għal dan l-indikatur. Id-*data* fuq il-bejgħ ta' pestiċidi kellha ssir disponibbli mill-2013 u d-*data* fuq l-użu ta' pestiċidi mill-2015. |

*Nota:* Għadd ta' AEIs oħra għandhom rabtiet indiretti mal-ilma. Dawn jinkludu l-konsum ta' fertilizzanti minerali fl-agrikoltura, il-konsum ta' pestiċidi, xejriet tal-koltivazzjoni, xejriet tal-bhejjem, kopertura ta' ħamrija, immaniġġjar tad-demel, speċjalizzazzjoni ta' azjendi agrikoli, u intensifikazzjoni/estensifikazzjoni ta' azjendi agrikoli.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet



**80**
Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ssettjaw miri ambizzjużi tal-politika għat-titjib tal-immaniġġjar tal-ilma fl-UE fit-terminu medju sa dak twil. L-agrikoltura, bħala waħda mill-utenti u niġġiesa maġġuri tal-ilma, għandha rwol ewlieni f'dan. Dan ġie rikonoxxut kemm fl-abbozzar tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma kif ukoll fil-ftehim politiku aktar reċenti dwar il-futur tal-politika agrikola komuni (il-PAK).

**81**
Sabiex tissodisfa dawn il-miri ambizzjużi, il-PAK trid tiġi implimentata b'tali mod li tinkoraġġixxi l-użu l-aktar effettiv u effiċjenti tal-ilma fl-agrikoltura u li tiskoraġġixxi l-ħela, it-tniġġis eċċ. Il-biċċa l-kbira tal-finanzjamenti mill-UE u tal-pagamenti għall-azjendi agrikoli saru kundizzjonali fuq ċerti prattiki tajbin fir-rigward tal-ilma (bħala parti mill-kundizzjonalità). Permezz ta' miżuri ta' żvilupp rurali, sar disponibbli wkoll finanzjament sinifikanti għal proġetti speċifiċi relatati mal-ilma.

**82**
L-awditu eżamina jekk l-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma ġewx integrati fil-PAK b'suċċess. Il-Qorti tikkonkludi li l-Kummissjoni u l-Istati Membri kellhom biss suċċess parzjali f'dan. Dan huwa dovut għal sparigġ bejn l-ambizzjoni tal-objettivi tal-politika u l-kapaċità tal-istrumenti użati biex tiġi effettwata bidla. L-istrumenti attwalment użati mill-PAK biex jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar l-ilma s'issa ma rnexxilhomx jiksbu progress sinifikanti lejn il-miri ambizzjużi tal-politika ssettjati fir-rigward tal-ilma. L-awditu jenfasizza dgħufijiet kemm fit-tfassil u l-applikazzjoni tal-kundizzjonalità u kemm fl-użu ta' finanzjament għall-iżvilupp rurali u jinnota dewmien u dgħufijiet fl-implimentazzjoni tad-WFD.

**83**
Fir-rigward tal-kundizzjonalità, l-awditu enfasizza li għadd ta' kwistjonijiet importanti relatati mal-ilma għadhom mhux koperti mir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità (il-paragrafi 35 sa 37) u li l-Kummissjoni ma żguratx li l-istandards KAAT (kundizzjonijiet agrikola u ambjentali tajba) fir-rigward tal-ilma huma xierqa fil-livell tal-Istati Membri jew ifformulati b'tali mod li jippromwovu prattiki agrikoli tajba (il-paragrafi 38 u 44 sa 48). Minbarra dan, kif inhi applikata attwalment, il-kundizzjonalità tista' tipprovdi rispons utli iżda parzjali biss għall-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u l-penali dwar il-kundizzjonalità mhumiex ikkalkulati abbażi tal-ispiża tad-dannu kkawżat, u għalhekk jista' jirrappreżenta porzjon biss ta' din l-ispiża (ara l-paragrafi 62 sa 65).

**84**
Fil-kuntest tar-riforma tal-PAK, il-perjodu l-ġdid (2014-2020) jissettja miri saħansitra aktar ambizzjużi fir-rigward tal-integrazzjoni fil-PAK tal-objettivi tal-politika dwar l-ilma. Għal dan il-perjodu l-ġdid, il-Kummissjoni għandha l-għan li żżid l-ambitu tal-kundizzjonalità. Filwaqt li żżomm f'moħħha l-osservazzjonijiet preċedenti tal-Qorti dwar il-funzjonament tal-kundizzjonalità, il-Qorti tirrakkomanda:

### Rakkomandazzjoni 1

Fil-livell tal-politika, il-Kummissjoni għandha tipproponi lil-leġiżlatur tal-UE l-modifiki meħtieġa għall-istrumenti attwali (il-kundizzjonalità u l-iżvilupp rurali) jew, fejn xieraq, strumenti ġodda li huma kapaċi jissodisfaw l-aktar miri ambizzjużi fir-rispett tal-integrazzjoni fil-PAK tal-objettivi tal-politika dwar l-ilma.

**85**
Fil-livell tal-Istati Membri l-Qorti tikkonkludi, fid-dawl tal-fatt li l-kundizzjonalità u l-iżvilupp rurali huma l-istrumenti prinċipali għall-integrazzjoni fil-PAK ta' kwistjonijiet dwar l-ilma, li hemm dgħufijiet fl-applikazzjoni tal-kundizzjonalità (il-paragrafi 40 sa 43) u li l-potenzjal tal-programmi tal-żvilupp rurali tal-Istati Membri biex jindirizzaw kwistjonijiet dwar l-ilma għadu ma ġiex sfruttat bis-sħiħ (il-paragrafi 49 sa 61). Għaldaqstant, il-Qorti tirrakkomanda:

## Rakkomandazzjoni 2

L-Istati Membri għandhom:

- jindirizzaw id-dgħufijiet identifikati mill-awditu fit-twettiq tagħhom ta' kontrolli tal-kundizzjonalità;
- jimponu l-penali xierqa f'każijiet ta' ksur;
- ipoġġu aktar enfasi fuq l-identifikazzjoni ta' problemi relatati mal-ilma fil-PŻR tagħhom u jiżguraw li jkunu konsistenti mal-RBMPs;
- ifasslu u jimplimentaw b'mod rigoruż mekkaniżmi ta' salwagwardja biex jiġu evitati effetti sekondarji negattivi fuq l-ilma minn attivitajiet iffinanzjati mill-iżvilupp rurali;
- iqisu b'mod aktar attiv u jippromwovu b'mod xieraq l-użu ta' fondi allokati għal kwistjonijiet relatati mal-ilma, b'mod li huwa konsistenti ma' ġestjoni finanzjarja tajba.

**86**
Minħabba r-rilevanza tad-WFD fil-kuntest tal-politika tal-UE dwar l-ilma, u filwaqt li tinnota li hemm ħtieġa rikonoxxuta li kwistjonijiet dwar l-immaniġġjar tal-ilma jiġu integrati fi ħdan osqma oħra ta' politika, bħall-agrikoltura, il-Qorti tikkonkludi li d-dewmien u d-dgħufijiet li qed jaffettwaw l-implimentazzjoni tad-WFD xekklu l-integrazzjoni fil-PAK tal-objettivi tal-politika dwar l-ilma (il-paragrafi 21 sa 32 u 72 sa 76). Filwaqt li tirrikonoxxi li l-politika tal-UE dwar l-ilma hija effettivament implimentata permezz ta' fondi minn politiki oħra (bħall-PAK) u filwaqt li tfittex il-konsistenza bejn il-politika tal-UE dwar l-ilma u dik agrikola, il-Qorti għaldaqstant tirrakkomanda:

## Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni għandha tipproponi mekkaniżmi xierqa li jistgħu jeżerċitaw influwenza pożittiva b'mod effettiv fuq il-kwalità tad-dokumenti ta' programmazzjoni tad-WFD tal-Istati Membri u li jevitaw in-nuqqas ta' konformità maż-żmien speċifikat mid-WFD. Għal dan il-għan, jistgħu jiġu żgurati kundizzjonijiet minimi fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-WFD qabel jiġu impenjati l-fondi għall-iżvilupp rurali.

L-Istati Membri għandhom iħaffu b'urġenza l-proċess tal-implimentazzjoni tad-WFD u, għaċ-ċiklu tal-ġestjoni li jmiss (2015), itejbu l-kwalità tal-RBMPs tagħhom billi jiddeskrivu miżuri individwali (eż. f'termini ta' ambitu, żmien speċifikat, miri u spejjeż) u jagħmluhom ċari u konkreti biżżejjed f'livell operazzjonali.

**87**

Il-Qorti tikkonkludi wkoll li ma hemmx biżżejjed għarfien, fil-livell Ewropew u dak tal-Istati Membri, dwar il-pressjonijiet fuq l-ilma minn attivitajiet agrikoli u kif dawn il-pressjonijiet qed jevolvu (il-paragrafi 66 sa 79). Aħna sibna d-dgħufijiet li ġejjin fil-livell tal-Kummissjoni u dak tal-Istati Membri:

- is-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK huma ta' valur limitat fil-kejl tal-progress lejn l-objettivi stipulati fir-regolamenti tal-PAK;
- is-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE) hija inkompleta;
- l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżviluppa indikaturi li jorbtu l-kwalità u l-kwantità tal-ilma ma' prattiki agrikoli għadhom ma kellhomx suċċess.

Għaldaqstant, il-Qorti tirrakkomanda:

### Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ l-għarfien tagħha tar-rabta bejn il-kwalità/kwantità tal-ilma u prattiki agrikoli billi ttejjeb is-sistemi eżistenti ta' monitoraġġ tagħha u tiżgura li huma kapaċi minn tal-anqas li jkejlu l-evoluzzjoni tal-pressjonijiet fuq l-ilma mill-prattiki agrikoli; dan kieku jgħin fl-identifikazzjoni tal-oqsma li fihom il-fondi tal-PAK huma l-aktar meħtieġa.

Minħabba li l-kwalità tal-informazzjoni dwar l-ilma għall-UE fl-intier tagħha tiddependi fuq il-kwalità tal-informazzjoni li l-Istati Membri jipprovdu, u minħabba li d-disponibbiltà ta' din l-informazzjoni hija prerekwiżit għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' politika tajbin, l-Istati Membri huma mħeġġa jtejbu l-puntwalità, l-affidabbiltà u l-konsistenza tad-*data* li huma jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-EEA.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sinjura Rasa BUDBERGYTE, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-26 ta' Marzu 2014.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

## Mistoqsijiet tal-awditjar u kriterji użati għall-awditu



Anness II

## Riżultati tal-istħarriġ: Bidliet prinċipali rrappurtati minn korpi konsultattivi għall-azjendi agrikoli wara l-introduzzjoni tal-kundizzjonalità

**Jekk jogħġbok ipprovdi eżempji ta' bidliet fi prattiki agrikoli li inti osservajt, jekk hemm, minn meta ġiet introdotta l-kundizzjonalità**

Għadd ta' kwotazzjonijiet



Anness III

## Eżempji ta' kwistjonijiet relatati mal-ilma li mhumiex koperti mill-kundizzjonalità

| | Użu tal-fosforu fl-agrikoltura | Applikazzjoni ta' pestiċidi fil-viċinanza immedjata ta' korpi tal-ilma |
|---|---|---|
| Użu fl-agrikoltura | Il-fosforu huwa pprovdut lill-art agrikola permezz ta' fertilizzanti minerali u organiċi (eż. taħlitiet NPK jew demel/demel likwidu tal-annimali) u jintuża fl-għalf tal-annimali. | Il-pestiċidi jipproteġu l-għelejjel minn ħsara kkważata minn ħaxix ħażin, mard u insetti. |
| Impatt fuq l-ilma | Il-fosforu jista' jmur fl-ilmijiet tas-superfiċje u jikkawża problemi fil-kwalità tal-ilma, bħal ewtrofikazzjoni. | Il-bexx tal-pestiċidi mill-ajru għandu l-potenzjal li jikkawża impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent, partikolarment mit-traxxix tal-bexx[1].<br><br>Ġie stmat li 0,1 % biss tal-pestiċidi applikati jilħqu l-organiżmi ta' ħsara mmirati, li jfisser li l-biċċa l-kbira tal-pestiċidi (99,9 %) iħallu impatt fuq l-ambjent[2] (eż. korpi tal-ilma). |
| Status attwali | Il-kontribut magħmul mill-agrikoltura għall-fosforu f'ilmijiet tas-superfiċje huwa stmat mill-EEA li jista' jinsab fi kwalunkwe punt bejn 20 % u aktar minn 50 %[3].<br><br>Rapporti reċenti mill-Kummissjoni juru li status tajjeb għall-fosforu jista' ma jinkisibx sal-2015 iżda jinkiseb biss sal-2027 (12-il sena wara l-iskadenza mogħtija fid-WFD). | Skont l-EEA, hemm informazzjoni kumplessiva limitata disponibbli dwar l-Ewropa u nuqqas ta' *data* affidabbli dwar pestiċidi fl-ilma ta' taħt l-art.<br><br>Fir-rapport Nru 9/2012 tagħha, l-EEA tiddikjara li l-pestiċidi huma kawżi wiesgħa ta' status kimiku ħażin fix-xmajjar. |
| Attwalment kif qed tigi indirizzata? | Indirettament, ir-rekwiżiti relatati man-nitrati (SMR4) x'aktarx li jkollhom impatt fuq il-livelli ta' fosforu. Bdiewa f'żoni vulnerabbli għan-nitrati jridu jaderixxu għal-limiti ta' nitroġenu, li jinvolvi l-monitoraġġ tal-livell u t-twaqqit tal-użu ta' demel likwidu u demel. Inċidentalment, dan jillimita l-applikazzjoni ta' fosforu.<br><br>Xi Stati Membri, bħall-Pajjiżi l-Baxxi, ħadu l-opportunità biex jindirizzaw it-tniġġis diffuż tal-fosforu b'mod espliċitu fil-programmi ta' azzjoni tagħhom dwar in-nitrati, billi stabbilixxew standards għall-applikazzjoni ta' fosfat għall-bdiewa. | Xi Stati Membri, bħal Franza u Spanja (l-Andalusija), inkludew restrizzjonijiet fuq l-użu ta' pestiċidi fil-KAAT fuq bċejjeċ ta' art ta' lqugħ billi pprojbixxew l-użu ta' dawn is-sustanzi fi ħdan distanza fissa minn korpi tal-ilma.<br><br>Fil-ħames Stati Membri/reġjuni l-oħra miżjura matul l-awditu, ir-restrizzjonijiet fuq bċejjeċ ta' art ta' lqugħ jikkonċernaw fertilizzanti iżda mhux pestiċidi (ara t-***Tabella 3***). |

1 Id-Direttiva 2009/128/KE.

2 Horrigan, L., Lawrence, R. S., & Walker, P., "How sustainable agriculture can address the environmental and human health harms of industrial agriculture" (Kif l-agrikoltura sostenibbli tista' tindirizza d-danni għas-saħħa tal-bniedem u dawk ambjentali tal-agrikoltura industrijali), Environmental Health Perspectives, 2002, Vol. 110, Nru 5. http://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC1240832/pdf/ehp0110-000445.pdf.

3 Addressing phosphorus-related problems in farm practice (L-indirizzar ta' problemi relatati mal-fosforu fil-prattika agrikola), Rapport finali lill-Kummissjoni Ewropea. Soil Service of Belgium, Novembru 2005. http://ec.europa.eu/environment/natres/pdf/phosphorus/AgriPhosphorusReport%20final.pdf.

Anness IV

## Fondi addizzjonali ta' Kontroll tas-Saħħa u Rkupru allokati u użati mill-Istati Membri għall-immaniġġjar tal-ilma

| Stat Membru[1] | Fondi tal-FAEŻR f'miljun EUR | | Rata ta' implimentazzjoni (%) |
|---|---|---|---|
| | Fondi tal-KS u tal-EERP allokati[2] għall-"isfida l-ġdida" tal-immaniġġjar tal-ilma (*data* għall-2010) | Infiq[3] (sa tmiem l-2012) | |
| Il-Belġju | 21,6 | 20,1 | 92,9 |
| Il-Bulgarija | 19,0 | 8,7 | 45,9 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 7,0 | 2,4 | 34,4 |
| Id-Danimarka | 61,0 | 7,6 | 12,5 |
| Il-Ġermanja | 166,0 | 78,0 | 47,0 |
| L-Irlanda | 26,0 | 0,4 | 1,6 |
| Il-Greċja | 70,0 | 0,0 | 0,0 |
| Spanja | 188,6 | 47,2 | 25,0 |
| Franza | 460,5 | 3,4 | 0,7 |
| L-Italja | 88,5 | 20,4 | 23,0 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 21,0 | 1,1 | 5,2 |
| Il-Polonja | 34,0 | 0,0 | 0,0 |
| Ir-Rumanija | 22,0 | 0,0 | 0,0 |
| Is-Slovenja | 1,0 | 0,2 | 17,7 |
| Il-Finlandja | 31,0 | 2,3 | 7,3 |
| L-Isvezja | - | 35,4 | - |
| Ir-Renju Unit | 104,0 | 5,7 | 5,4 |
| **UE27** | **1 332,0** | **232,9** | **17,5** |

1 L-Istati Membri li ma kienu allokaw ebda fond tal-KS jew tal-EERP lill-immaniġġjar tal-ilma mhumiex inklużi f'din il-lista.

2 Skont l-istqarrijiet għall-istampa COM IP 09/1568, IP 09/1813, IP 09/1945 u IP/10/102.

3 *Data* pprovduta mill-Kummissjoni mid-data kumulattiva ta' monitoraġġ għall-UE27 għall-2010, l-2011 u l-2012.

# Risposta tal-Kummissjoni



## Sommarju eżekuttiv

### Tweġiba komuni għal V u VI

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-kundizzjonalità żiedet l-għarfien tal-bdiewa u tejbet il-prattiki tagħhom dwar kwistjonijiet tal-ilma. Madankollu,il-Kummissjoni tinnota li l-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità mill-Istati Membri għad għandha ċerti nuqqasijiet.

Leġiżlazzjoni importanti tal-UE relatata mal-ilma, b'mod partikolari rigward nitrati u pestiċidi, hija diġà inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonalità. Il-kwistjonijiet relatati mal-ilma li jifdal għandhom jiġu indirizzati mill-Istati Membri sabiex jissodisfaw l-obbligi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD). Il-programmi ta' miżuri għandhom jindirizzaw ir-rekwiżiti obbligatorji kollha stabbiliti fl-Artikolu 11.3. Il-miżuri rilevanti taħt id-WFD ser jiġu introdotti aktar 'il quddiem fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonalità meta l-obbligu fil-livell ta' razzett ikun ċar biżżejjed. Sadanittant ġew stabbiliti standards tal-Kundizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba (KAAT) relatati mal-ilma sabiex ikunu koperti ċerti rekwiżiti bażiċi li jeżistu diġà fil-leġiżlazzjoni nazzjonali biex tinħoloq rabta mal-ħlasijiet tal-PAK.

Fir-rigward tal-iżvilupp rurali, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li fil-perjodu 2014-2020 ser ikun hemm titjib bħala riżultat ta':

— il-preżenza ta' "oqsma importanti" relatati mal-ilma b'mod espliċitu (sottoprijoritajiet) fi ħdan ir-Regolament dwar l-Iżvilupp Reġjonali nnifsu – bl-indikaturi korrispondenti, li abbażi tagħhom l-Istati Membri ser jistabbilixxu miri fi ħdan il-PŻR tagħhom;

— fi ħdan ir-Regolament dwar l-Iżvilupp Reġjonali l-ġdid, l-obbligu li tintefaq mill-anqas 30 % tal-kontribuzzjoni totali mill-FAEŻR għal kull PŻR dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament u kwistjonijiet ambjentali permezz ta' ċerti miżuri;

— aktar familjarità tal-Istati Membri mal-qafas analitiku tal-politika tal-iżvilupp rurali u l-proċess tal-kompożizzjoni ta' pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara -RBMPs- (fil-qafas tad-WFD);

— kundizzjonijiet partikolari fir-Regolament dwar l-Iżvilupp Reġjonali l-ġdid dwar l-appoġġ għall-investimenti fit-tisqija.

### VII

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni tal-miżuri agrikoli taħt id-WFD u impenjat ruħha li taħdem mal-Istati Membri biex din il-kwistjoni tiġi solvuta. Fejn dan ma jistax jinkiseb permezz ta' kunsens, dan il-proċess ser jiġi mgħaġġel permezz ta' azzjonijiet ta' ksur.

### IX

Fil-kuntest tar-riforma tal-PAK, il-Kummissjoni pproponiet u magħha qablu l-koleġiżlaturi fi stqarrija konġunta[1] li d-WFD kif ukoll id-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi (SUD) ser ikunu parti mill-kundizzjonalità meta dawn id-Direttivi jkunu ġew implimentati fl-Istati Membri kollha u meta jkunu ġew identifikati l-obbligi direttament applikabbli għall-bdiewa.

Fl-istennija ta' din l-introduzzjoni fil-kundizzjonalità, il-koleġiżlaturi qablu wkoll biex dawn iż-żewġ Direttivi jkunu parti mill-kamp ta' applikazzjoni obbligatorju tas-Sistema Konsultattiva tal-Irziezet sabiex il-bdiewa kollha kkonċernati jkollhom aċċess għall-pariri rilevanti. Għaldaqstant, l-elementi ewlenin tal-politika tal-UE tal-ilma jkunu inklużi fil-PAK fiż-żmien adattat.

Fir-rigward tal-politika tal-iżvilupp rurali, l-għodod u l-mekkaniżmi meħtieġa huma pprovduti għall-perjodu 2014-2020 permezz tar-Regolament dwar l-Iżvilupp Reġjonali (RDR) il-ġdid – ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – u permezz ta' leġiżlazzjoni relatata.

1 Stqarrija konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar il-kundizzjonalità mehmuża mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013

Fi ħdan l-RDR (jiġifieri fi ħdan il-leġiżlazzjoni ewlenija nnifisha), "it-titjib tal-immaniġġjar tal-ilma" u "ż-żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-ilma mill-agrikoltura" huma elementi espliċiti tal-"prijoritajiet" li abbażi tagħhom l-Istati Membri / ir-reġjuni għandhom jippjanaw l-infiq fi ħdan il-PŻR tagħhom.

Hemm disponibbli firxa ta' miżuri li jgħinu biex jiġu ssodisfati dawn il-prijoritajiet – appoġġ għat-taħriġ, użu ta' pariri, investimenti, prattiki pluriennali tal-immaniġġjar tal-art u żvilupp sperimentali (inkluż fi ħdan l-Isħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-Produttività u s-Sostenibbiltà fil-Qasam Agrikolu).

Il-Kummissjoni kellha programm ta' ħidma biex tikkomunika dawn l-opportunitajiet lill-Istati Membri fil-kuntest ta' diversi fora, u b'mod partikolari fi ħdan il-grupp ta' ħidma dwar l-agrikoltura tal-Istrateġija Komuni ta' Implimentazzjoni tad-WFD. Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li l-politika tal-iżvilupp rurali għandha tindirizza firxa ta' prijoritajiet u li r-riżorsi finanzjarji huma limitati.

## X

Il-Kummissjoni vvalutat l-RBMPs kollha rapportati u ser ikollha laqgħat mal-Istati Membri kollha qabel il-ħarifa 2014 sabiex tiddiskuti kwistjonijiet ta' implimentazzjoni bl-ewwel ċiklu ta' RBMPs u taqbel fuq programm ta' azzjoni mal-Istati Membri biex jiġu indirizzati lakuni serji. Il-lakuni b'rabta mal-miżuri agrikoli effettivi ġew diskussi mal-Istati Membri kollha, u ngħataw żmien sabiex b'mod volontarju jkunu konformi ma' din il-kwistjoni, li mbagħad wara dan iż-żmien tittieħed azzjoni mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ser tkompli wkoll taħdem mal-Istati Membri fil-grupp ta' ħidma dwar l-agrikoltura tal-Istrateġija tal-Implimentazzjoni Komuni (CIS) tad-WFD fejn eżempji ta' prattiki tajba huma identifikati u promossi lill-Istati Membri.

## XI

Fir-rigward tas-sistema li għadha kif iddaħħlet għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-PAK, ir-rabta bejn il-kwalità u l-kwantità tal-ilma mal-prattiki agrikoli hija kumplessa ħafna, minħabba l-varjetà wiesgħa ta' prattiki agrikoli u ċirkostanzi agronomiċi madwar l-UE, il-pressjonijiet minn sorsi li mhumiex agrikoli li wkoll għandhom impatt sinifikanti fuq il-kwalità u d-disponibbiltà tal-ilma, u l-isfidi meta jiġu attribwiti r-rabtiet kawżali. Għaldaqstant, l-ispejjeż u l-piż amministrattiv relatati mas-sistemi ta' monitoraġġ u l-valutazzjoni għandhom ikunu bilanċjati b'attenzjoni meta mqabbla mal-benefiċċji relatati ma' titjib fl-immaniġġjar u t-tfassil tal-politika.

Il-lezzjonijiet mitgħallma mill-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (CMEF) għall-2007-2013 urew li kien diffiċli ħafna li jiġu stabbiliti miri preċiżi għall-indikaturi tal-impatt bħall-kwalità tal-ilma minħabba d-diversi fatturi esterni involuti. Ġew ipprovduti dokumenti ta' gwida lill-Istati Membri biex jiġu appoġġjati waqt il-kejl ta' dawn l-indikaturi tal-impatt li huma mistennija fil-valutazzjonijiet *ex post*.

Fir-rigward tal-indikaturi tar-riżultati, huwa rikonoxxut li kien hemm xi diffikultajiet fir-reġistrazzjoni korretta tad-dejta għall-indikatur tar-riżultat rigward "żona taħt il-ġestjoni tal-artijiet" li rnexxiet.

Taħt id-WFD, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw pressjonijiet sinifikanti u jirrapportawhom fl-RBMPs u fis-Sistema ta' Tagħrif dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE). Huwa rikonoxxut li l-livell li fih l-informazzjoni bdiet tiġi rapportata ma kienx utli għall-analiżi u għaldaqstant, permezz tal-proċess tas-CIS tad-WFD, ġew diskussi bidliet li għandhom isiru fir-rekwiżiti tar-rapportar, li jippermettu ntraċċar aħjar tal-pressjonijiet u l-grad li fih jiġu implimentati miżuri qegħdin iħallu effett.

Jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba għall-Paragrafu VIII.

## L-Awditjar

19
Fir-rigward tar-Rapport Speċjali Nru 7/2011, għalkemm il-Kummissjoni ammettiet li jista' jsir titjib f'ċerti oqsma, enfasizzat ukoll il-punti sodi tal-miżuri agro-ambjentali kif implimentati fil-perjodu 2007-2013.

## Osservazzjonijiet

21
Il-komponenti obbligatorji li għandhom jiġu inklużi fl-RBMP huma ddefiniti fid-Direttiva. Il-Kummissjoni wettqet kontroll tal-kwalità fuq l-RBMPs. Is-sejbiet ġew ippubblikati fir-rapporti tal-Istati Membri u saru laqgħat bilaterali biex jiġi diskuss it-titjib li għandu jsir fl-RBMPs futuri.

23
Tħejjew dokumenti ta' gwida permezz tal-proċess tal-Istrateġija Komuni ta' Implimentazzjoni tad-WFD biex jgħinu lill-Istati Membri sabiex jippreparaw RBMPs ta' kwalità.

Konformità ma' dawn id-dokumenti gwida tibqa' prijorità għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri.

24
Il-Kummissjoni hija konxja dwar il-fatt li kien hemm nuqqas ta' progress biex il-miżuri agrikoli jsiru operattivi fil-livell ta' razzett u ser tuża l-evidenza tal-Qorti flimkien ma' dik tagħha (rapportar dwar programmi ta' miżuri) biex tkompli ssegwi dan b'mod bilaterali mal-Istati Membri biex ittejjeb l-azzjoni dwar dan fl-RBMPs tat-tieni ċiklu.

25
L-Istati Membri jiżviluppaw l-RBMP fuq il-livell tad-distrett tal-baċin tax-xmara u mbagħad jistabbilixxu objettivi fuq il-livell tal-korp tal-ilma. Il-Kummissjoni ser issegwi n-nuqqas possibbli ta' dawn l-objettivi b'rakkomandazzjonijiet u, fejn ikun meħtieġ, jiġu indirizzati proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri.

Madankollu, fin-nuqqas ta' definizzjoni ċara ta' dawn l-objettivi, il-kompitu tat-tfassil tal-PŻR b'kunsiderazzjoni xierqa tal-kriterji tal-politika tal-ilma tal-UE mhuwiex ser ikun kompletament impossibbli u xorta għandu jsir permezz ta' analiżi ddettaljata tal-preġji, id-dgħjufijiet, l-opportunitajiet u l-perikli (SWOT) u tal-"bżonnijiet" – li jiffurmaw parti minn kull PŻR. Madankollu, l-assenza ta' objettivi u RBMP adegwat jagħmel il-kompitu ħafna aktar diffiċli.

33
Il-Kummissjoni tikkondividi l-konklużjoni tal-Qorti li l-kundizzjonalità żiedet l-għarfien fost il-bdiewa u tat bidu għal xi tibdiliet fil-prattiki tal-agrikoltura fir-rigward tal-ilma.

Il-Kummissjoni tixtieq ukoll tenfasizza li leġiżlazzjoni importanti tal-UE dwar il-protezzjoni tal-ilmijiet tal-UE mit-tniġġis agrikolu, bħalma hi d-Direttiva dwar in-Nitrati jew ir-Regolament dwar il-Pestiċidi, kienet parti mill-kundizzjonalità mill-bidu ta' din is-sistema.

Il-Kummissjoni tikkondividi l-konklużjoni tal-Qorti li jinsabu nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-kundizzjonalità fl-Istati Membri, imma tixtieq tenfasizza li n-nuqqasijiet identifikati huma ttrattati bil-proċeduri tal-approvazzjoni tal-kontijiet. Din il-proċedura hija inċentiv effettiv biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità mill-Istati Membri.

35
Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tniġġis mill-fosforu u mill-pestiċidi, f'xi Stati Membri, huwa kopert mir-Rekwiżiti Statutorji tal-Immaniġġjar (SMRs) fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-UE kif implimentata attwalment. F'xi Stati Membri, il-Programmi ta' Azzjoni fil-kuntest tad-Direttiva dwar in-Nitrati jinkludu wkoll rekwiżiti dwar il-fosforu u din id-Direttiva hija parti mir-regoli dwar il-kundizzjonalità. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Pestiċidi dwar l-awtorizzazzjoni tal-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti huma wkoll parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonalità.

Barra minn hekk, xi Stati Membri kkumplimentaw din il-leġiżlazzjoni b'ċerti standards tal-KAAT.

37
Iż-żmien tal-implimentazzjoni tad-WFD u l-SUD, inkluż fil-livell ta' razzett, huwa stabbilit fit-testi nnifishom. Jekk dan iż-żmien mhuwiex rispettat mill-Istati Membri, dawn jistgħu jaffaċċjaw proċedura ta' ksur.

38
L-istandard tal-KAAT dwar l-użu tal-ilma għat-tisqija huwa bbażat fuq leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti u għandu l-għan li joħloq rabta bejn dawn ir-regoli nazzjonali u l-pagamenti tal-PAK. L-astrazzjoni tal-ilma qabel l-awtorizzazzjoni hija rekwiżit taħt l-Artikolu 11e tad-WFD li hija differenti mill-użu tal-ilma, u għalhekk ma kinitx miżjuda mal-KAAT dwar l-użu tal-ilma. Fejn il-liġi nazzjonali mhix ċara dwar miters u rapportar tal-użu tal-ilma, dan ser ikun ukoll assenti mill-KAAT. Fi prinċipju l-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tieħu kont tal-bżonnijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali rigward l-użu tal-ilma. Dawn il-bżonnijiet huma differenti ħafna minn post għall-ieħor u mhuwiex rilevanti l-fatt li għandhom l-istess rekwiżiti madwar it-territorju tal-UE kollu.

Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li, fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, ser jingħata biss appoġġ mill-FAEŻR għal investimenti fit-tisqija jekk il-miters tal-ilma jkunu diġà f'posthom waqt li jsir l-investiment jew impoġġija f'posthom bħala parti mill-investiment. Għandhom ukoll jiġu sodisfatti diversi kundizzjonijiet oħra– ħafna minnhom relatati mal-istatus tal-korpi tal-ilma affettwati minn proġetti tat-tisqija.

39
L-istrument tal-UE rilevanti biex itejjeb b'mod ippjanat u koerenti l-immaniġġjar tal-ilmijiet fl-UE hija d-WFD, li ser ikun propost li tiġi introdotta fil-kundizzjonalità fiż-żmien adattat meta jiġu identifikati l-obbligi direttament applikabbli għall-bdiewa. Fl-RBMPs tagħhom l-Istati Membri kellhom jinkludu miżuri biex jikkontrollaw l-astrazzjoni u l-politiki dwar l-ipprezzar tal-ilma li jippermettu status kwantitattiv konsistenti ma' status "tajjeb" kif meħtieġ mid-WFD. Meta tali kontrolli jkunu assenti jew meqjusa insuffiċjenti għall-finijiet li jinkisbu l-objettivi tad-WFD, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi dan mal-Istati Membri.

42
Id-diffikultà tal-kontroll ta' ċerti rekwiżiti mhijiex speċifika għall-kundizzjonalità imma toħroġ mill-obbligu nnifsu. Filwaqt li hu minnu li l-kampanja annwali tal-kontroll tal-kundizzjonalità ma tistax tiġi adottata għal kull tip ta' rekwiżit, sejbiet magħmula f'okkażjonijiet oħra jistgħu jiġu segwiti wkoll taħt il-kundizzjonalità.

43
Meta jinstabu nuqqasijiet waqt il-verifiki tal-Kummissjoni, tista' tittieħed deċiżjoni biex isiru korrezzjonijiet finanzjarji sakemm in-nuqqasijiet jiġu indirizzati.

46
Id-diversità tal-biċċiet art ta' lqugħ hija marbuta mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttivi dwar in-Nitrati. Il-biċċiet art ta' lqugħ għandhom jqisu l-kundizzjonijiet ambjentali fir-reġjuni rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati (l-Artikolu 5(3)(b)). Dan ifisser li l-biċċiet art ta' lqugħ jistgħu jvarjaw, sakemm it-tfassil tal-biċċiet art ta' lqugħ flimkien mal-miżuri l-oħra preżenti fil-Programm ta' Azzjoni jkunu biżżejjed biex jitnaqqas it-tniġġis tal-ilma kkawżat min-Nitrati (l-Artikolu 5(5)).

Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda rwol formali fl-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-Nitrati fejn il-miżuri, inklużi l-biċċiet art ta' lqugħ, huma ddefiniti. Madankollu, proċeduri ta' ksur juru b'mod ċar li l-Kummissjoni tisfida l-adegwatezza tal-miżuri sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-kwalità tal-ilma.

**48**
Il-Kummissjoni hija konxja mill-irregolaritajiet fil-kontroll tal-astrazzjoni fis-settur agrikolu u qiegħda ssegwi b'mod bilaterali mal-Istati Membri, skont il-valutazzjoni tal-RBMP biex tiżgura li leġiżlazzjoni effettiva tkun fis-seħħ.

Ara wkoll it-tweġiba għall-Punt 39.

**49**
Il-Premessa (6) ma tindividwax il-politika tal-ilma tal-UE għal referenza partikolari, imma hija inkluża fil-frażi "politiki oħra tal-Komunità".

**51**
Il-Kummissjoni taqbel li analiżi tal-pressjonijiet relatati mal-ilma għandhom ikunu riġidi, għandu jkun hemm livell tajjeb ta' konsistenza bejn il-PŻR u l-RBMPs, għandhom jiġu evitati effetti sekondarji negattivi ta' appoġġ relatati mal-ilma u l-finanzjament ipprogrammat għandu jintefaq jew b'mod effiċjenti jew, jekk ikun meħtieġ, allokat mill-ġdid b'mod adegwat (b'ġustifikazzjoni xierqa).

F'ċerti każijiet, il-prestazzjoni f'dawn l-oqsma tista' tittejjeb għall-perjodu 2014-2020. Il-Kummissjoni temmen li t-titjib ser iseħħ b'riżultat ta':

— il-preżenza ta' "oqsma imporanti" relatati mal-ilma b'mod espliċitu (sottoprijoritajiet) fi ħdan ir-Regolament dwar l-Iżvilupp Reġjonali nnifsu – bl-indikaturi korrispondenti, li abbażi tagħhom l-Istati Membri ser jistabbilixxu miri fi ħdan il-PŻR tagħhom;

— fi ħdan ir-Regolament dwar l-Iżvilupp Reġjonali l-ġdid, l-obbligu li jintefaq mill-anqas 30 % tal-kontribuzzjoni totali mill-FAEŻR għal kull PŻR dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament u l-kwistjonijiet ambjentali permezz ta' ċerti miżuri;

— aktar familjarità tal-Istati Membri mal-qafas analitiku tal-politika tal-iżvilupp rurali u l-proċess tal-kompożizzjoni ta' pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara -RBMPs- (fil-qafas tad-WFD);

— ·kundizzjonijiet partikolari fir-Regolament dwar l-Iżvilupp Reġjonali l-ġdid dwar appoġġ għall-investimenti fit-tisqija.

**Kaxxa 11**

— Minkejja l-enfasi li għamlet id-DK Valutazzjoni Ambjentali Strateġika dwar il-kwalità tal-ilma, il-Miżura 121 (Investiment fl-Irziezet), tinkludi wkoll appoġġ speċifiku għat-tnaqqis tal-użu tal-ilma fis-settur ortikulturali, li b'hekk timmira direttament għall-astrazzjoni tal-ilma.

  L-astrazzjoni tal-ilma tista' tiġi ttrattata b'miżuri bażiċi li jindirizzaw l-effiċjenza tal-użu tal-ilma, f'konformità mal-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas. Dawn m'għandhomx bżonn jiġu ffinanzjati mill-PŻR.

— Il-PŻR jinkludi azzjonijiet ta' taħriġ taħt il-Miżura 111 sabiex iżid l-għarfien tal-bdiewa dwar il-leġiżlazzjoni ambjentali. Azzjonijiet konsultattivi huma wkoll appoġġjati taħt il-Miżura 115 sabiex jiġi promoss użu aktar sostenibbli tal-ilma.

— Fis-Slovakkja, l-RBMP ġie adottat u rapportat sa Marzu 2010, ħafna aktar wara li saret l-valutazzjoni ambjentali tal-PŻR (il-PŻR Slovakk innifsu kien approvat fl-4 ta' Diċembru 2007). Huwa għalhekk li dawn il-miżuri identifikati fl-RBMP ma kinux indirizzati fl-analiżi ambjentali tal-PŻR. Fil-futur għandha tkun possibbli konsistenza aħjar peress li issa ġew identifikati l-ewwel RBMPs.

— Fil-Greċja, l-RBMPs ġew adottati ferm wara l-approvazzjoni tal-PŻR. L-impatt ambjentali u ekonomiku negattiv tal-ispieri kien madankollu identifikat fil-valutazzjoni ambjentali tal-PŻR. Bħala riżultat, il-Miżura 125 tikkofinanzja proġetti li jittrattaw il-ġbir u l-estrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ inixxi, l-immodernizzar u t-titjib tal-kundizzjonijiet tat-tisqija, id-drenaġġ, l-aċċess u anki l-infrastruttura li tgħin biex ikun issoverljat u rreġistrat l-impatt tal-pressjoni idromorfoloġika tal-akwiferi.

**53**
Il-Kummissjoni taqbel li għal ħafna Stati Membri, huma meħtieġa programmi ta' miżuri għas-settur agrikolu ddefiniti aħjar fl-RBMPs tat-tieni ċiklu u qiegħda issegwi dan b'mod attiv mal-Istati Membri.

**54**
Ir-Regolament dwar l-Iżvilupp Reġjonali l-ġdid għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għandu salvagwardji partikolari fir-rigward tal-appoġġ għall-investimenti fit-tisqija – fejn jorbtu ma' miters tal-ilma, għas-sottomissjoni ta' RBMP mal-miżuri rilevanti għas-settur agrikolu, u għall-istatus tal-korpi tal-ilma.

Barra minn hekk, diversi atti leġiżlattivi, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, jeħtieġu li ċerti investimenti jkunu preċeduti minn valutazzjoni ambjentali (dan il-punt huwa mħassar bl-Artikolu 45(1) tal-RDR).

Fl-aħħar nett, l-implementazzjoni tal-KAAT, ir-rekwiżiti minimi għall-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u l-ipprezzar tal-ilma huma kundizzjonalitajiet *ex ante* għall-finanzjament tal-FAEŻR (ara l-Anness V tal-RDR).

## Kaxxa 12

B'mod ġenerali, estensjoni ta' żona misqija u / jew żieda fil-konsum ġenerali tal-ilma ikollhom "effetti negattivi" biss jekk ma jkunx disponibbli biżżejjed ilma biex ikopri b'mod tajjeb dawn it-tibdiliet filwaqt li jiżgura ż-żamma jew il-kisba ta' status ta' ilma tajjeb.

Filwaqt li taħt il-Miżura 125 fil-PŻR Spanjoli l-investimenti li jwasslu għall-estensjoni taż-żona misqija jew ta' żieda fil-konsum ġenerali tal-ilma mhumiex eliġibbli, ir-riskju li tiżdied iż-żona misqija permezz ta' investimenti taħt il-Miżura 121 huwa mnaqqas. Dan għaliex l-infrastrutturi/pipelines tal-ilma li qegħdin barra l-azjenda u li jġibu l-ilma lejn l-azjenda ma jistgħux ikunu eliġibbli taħt il-Miżura 125 jekk iwasslu għall-żieda taż-żona misqija.

**58**
L-Artikolu 38 ġie attivat fl-2010 immedjatament wara d-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-RBMP. L-obbligi l-ġodda saru obbligatorji għall-bdiewa sal-aħħar tal-2012, meta l-Programmi tal-Iżvilupp Rurali kienu waslu biex jagħlqu fl-2013. Għaldaqstant, din il-miżura ġiet applikata minn ftit Stati Membri.

Minbarra dan, għandu jitqies li l-ħlas ta' kumpens jista' jgħin biex imexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni. Madankollu, peress li nefqiet ta' kumpens huma indirizzati fl-Artikolu 38, ma jżidx rekwiżiti ambjentali. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu jsegwu implimentazzjoni ambizzjuża mingħajr ma jużaw il-possibbiltajiet taħt l-Artikolu 38.

**59**
Għalkemm ir-raġunijiet ċitati mill-Qorti rigward użu limitat tal-Miżura 213 jipprovdu spjegazzjoni valida, għandhom jiġu mifhuma żewġ punti oħra.

L-ewwel nett, b'mod ġenerali, xi miżuri ta' żvilupp rurali huma użati b'mod aktar wiesa' minn oħrajn.

It-tieni nett, il-Miżura 213 hija miżura kemmxejn mhux tas-soltu peress li toffri kumpens għall-iżvantaġġi li jinħolqu minn rekwiżiti obbligatorji f'ċerti żoni. Ħafna miżuri joperaw fuq bażi differenti (jiġifieri ħlasijiet għall-investimenti li saru / prattiki meħuda b'mod volontarju). Din il-karatteristika distintiva tal-Miżura 213 tista' tagħmel ċerti Membri Stati kawti biex jimplementawha sakemm jaraw oħrajn jimplimentawha b'suċċess.

Fi kwalunkwe każ, peress li issa l-RBMPs huma fis-seħħ, il-Kummissjoni tistenna użu akbar tal-miżuri li jkopru l-ħlasijiet tad-WFD fil-perjodu 2014-2020.

**64**
Ara t-tweġiba għall-Punt 83.

**65**
Il-miżuri tal-Iżvilupp Rurali msemmija mill-Qorti li mhumiex soġġetti għall-kundizzjonalità huma primarjament miżuri ta' investiment.

Il-leġiżlazzjoni tal-iżvilupp rurali tal-2014-2020 għandna dispożizzjonijiet li jgħinu jiżguraw li appoġġ jingħata biss lill-investimenti li huma ambjentalment sostenibbli. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet relatati ma' investimenti fit-tisqija huma partikolarment dettaljati.

Il-piż amministrattiv relatat mal-inklużjoni ta' mizuri ta' investiment fil-kundizzjonalità ikun għoli peress li l-immaniġġjar ta' dawn il-miżuri hija pluriennali. Barra minn hekk, l-impatt ikun limitat ħafna peress li l-biċċa l-kbira tal-bdiewa li jirċievu għajnuna għall-investimenti permezz tal-politika tal-iżvilupp rurali huma diġà milquta mill-kundizzjonalità permezz ta' skemi ta' ħlasijiet diretti tal-Pilastru I u permezz ta' miżuri ta' żvilupp rurali relatati maż-żona.

**67**
Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, fir-Regolament 1306/2013 idaħħlet sistema ġdida għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK bħala ħaġa waħda abbażi tal-objettivi tagħha. Din is-sistema għandha wkoll informazzjoni dwar il-kwantità tal-ilma użat u l-kwalità tal-ilma. Madankollu, li jkun hemm rabta bejn il-kwalità u l-kwantità tal-ilma mal-prattiki agrikoli hija xi ħaġa kumplessa ħafna, minħabba l-firxa wiesgħa ta' prattiki agrikoli u ċirkostanzi agronomiċi madwar l-UE, il-pressjonijiet minn sorsi mhux agrikoli li wkoll għandhom impatt sinifikanti fuq il-kwalità u d-disponibbiltà tal-ilma, u l-isfidi biex jiġu attribwiti r-rabtiet kawżali. Għaldaqstant, l-ispejjeż u l-piż amministrattiv relatat mas-sistemi tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni għandhom ikunu bilanċjati b'attenzjoni meta mqabbla mal-benefiċċji relatati ma' mmaniġġjar u tfassil tal-politika mtejjeb.

Għall-programmi plurieannali bħalma huma l-Programmi tal-Iżvilupp Rurali, ċerti riżultati, bħalma huma l-impatti fuq il-kwalità tal-ilma jistgħu jiġu vvalutati b'mod xieraq biss meta l-perjodu tal-programmazzjoni jkun daħal sew, u wara. Tali effetti jistgħu jitkejlu biss wara li jkun għadda biżżejjed żmien minn meta tkun seħħet l-implimentazzjoni.

**68**
Il-kontrolli ma jistgħux jipprovdu informazzjoni dwar l-impatt ta' politika. Il-kejl ta' impatt jeħtieġ valutazzjoni mfassla bir-reqqa li tippermetti li ssir separazzjoni tal-effetti ta' politika bħal kundizzjonalità minn fatturi oħra li jintervjenu.

**69**
Fil-kuntest tas-CMEF, huma ddefiniti numru ta' indikaturi biex jgħinu sabiex jitkejjel il-progress lejn l-objettivi. Dawn huma sors ta' informazzjoni użati mill-evalwaturi waqt xogħolhom.

**70**
Mill-2014, il-qafas il-ġdid tal-monitoraġġ u tal-valutazzjoni għandu wkoll informazzjoni dwar il-kwantità tal-ilma. B'mod ġenerali, għandu jiġi nnutat li l-ġbir ta' informazzjoni jinvolvi diffikultajiet prattiki u spiża finanzjarja. Għaldaqstant, hemm limitu ta' x'informazzjoni tista' tinġabar kif ukoll dwar il-frekwenza tal-ġbir ta' dejta.

Il-lezzjonijiet mitgħallma mis-CMEF 2007-2013 urew li kien diffiċli ħafna li jiġu stabbiliti miri preċiżi għall-indikaturi tal-impatt bħal kwalità tal-ilma minħabba bosta fatturi esterni involuti. Ġew ipprovduti dokumenti ta' gwida lill-Istati Membri biex jiġu appoġġjati waqt il-kejl ta' dawn l-indikaturi tal-impatt li huma mistennija fil-valutazzjonijiet *ex post*.

Fir-rigward tal-indikutari tar-riżultati, huwa rikonoxxut li kien hemm xi diffikultajiet fir-reġistrazzjoni korretta tadd-dejta għall-indikatur tar-riżultat rigward "żona taħt il-ġestjoni tal-artijiet li rnexxiet".

**71**
B'mod ġenerali, il-valutazzjonijiet ta' nofs it-terminu ġew kmieni wisq fil-programmi biex ikunu jistgħu jiġġeneraw dejta affidabbli dwar l-impatti u r-riżultati, peress li f'ħafna każijiet kien għadu kmieni wisq fil-programmi biex ir-riżultati/l-impatti tal-politika jimmaterjalizzaw ruħhom.

Għal din ir-raġuni, il-valutazzjonijiet ta' nofs it-terminu tneħħew fil-perjodu tal-programmazzjoni l-ġdid.

Għall-programmi pluriennali bħalma huma l-Programmi tal-Iżvilupp Rurali, ċerti riżultati, bħalma huma l-impatti fuq il-kwalità tal-ilma jistgħu jiġu vvalutati b'mod xieraq biss meta l-perjodu tal-programmazzjoni jkun daħal sew, u wara. Tali effetti jistgħu jitkejlu biss wara li jkun għadda biżżejjed żmien minn meta tkun seħħet l-implimentazzjoni. Għal ħafna mill-interventi, dan kien għadu mhux il-każ fil-mument tal-valutazzjoni ta' nofs it-terminu (2010).

**74**
Permezz tal-grupp ta' ħidma dwar ir-rapportar tal-Istrateġija Komuni ta' Implimentazzjoni tad-WFD, qegħdin isiru sforzi biex jinbidel ir-rapportar biex tkun tista' ssir rabta aktar ċara bejn il-pressjonijiet, il-miżuri u r-rispons. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser tieħu l-azzjoni meħtieġa biex tiżgura li r-rekwiżiti tal-monitoraġġ tad-WFD jiġu sodisfatti.

**78**
Il-Kummissjoni flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) qegħdin jaħdmu mal-Istati Membri biex itejbu d-WISE.

**79**
L-indikaturi agro-ambjentali qegħdin jittejbu b'mod kontinwu u xi wħud minnhom jinkludu prattiki agrikoli, bħall-AEI 15 (Bilanċ Gross ta' Nutrijenti), l-AEI 12 (intensifikazzjoni/estensifikazzjoni, l-AEI 11 (prattiki fit-tmexxija tal-irziezet), l-AEI 7 (tisqija). Fil-futur, huwa rikonoxxut li għandhom jiġu mħeġġa sinerġiji aħjar bejn is-CMEF, id-dejta dwar Amministrazzjoni Integrata u Sistema ta' Kontroll u l-Istħarriġ tal-Istruttura tar-Razzett, skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva Inspire dwar il-kondiviżjoni ta' settijiet ta' dejta ġeografika.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**82**
Ara t-tweġiba għall-Paragrafu V.

**83**
Leġiżlazzjoni importanti tal-UE relatata mal-ilma hija diġà inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonalità. Barra minn hekk, kwistjonijiet relatati mal-ilma huma ttrattati fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, li ser tkun proposta biex tiġi introdotta fiż-żmien adattat fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kundizzjonalità meta d-Direttiva tkun implimentata fl-Istati Membri kollha u meta jiġu identifikati l-obbligi li japplikaw direttament għall-bdiewa. Sadanittant ġew stabbiliti standards tal-KAAT relatati mal-ilma sabiex ikopru ċerti rekwiżiti bażiċi li diġà jeżistu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali biex issir rabta mal-ħlasijiet tal-PAK.

Il-kundizzjonalità tikkontribwixxi għall-objettivi tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas imma mhix imfassla biex tikkumpensa għall-ispejjeż tal-ħsarat ambjentali. Il-prinċipju tal-kalkolu tat-tnaqqis tal-kundizzjonalità huwa fil-fatt ibbażat fuq perċentwal tal-ħlasijiet kollha kkonċernati tal-PAK irċevuti mill-bidwi. Huwa l-perċentwal innifsu, mhux l-ammonti assoluti, li jirriflettu s-serjetà tal-ksur tar-regoli tal-UE mill-bidwi, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità.

### Rakkomandazzjoni 1
Il-Kummissjoni tikkunsidra li din ir-rakkomandazzjoni kienet parzjalment implimentata u ser tkun implimentata bis-sħiħ meta ċerti kundizzjonijiet jiġu ssodisfati.

Għall-PAK ta' wara l-2014, il-Kummissjoni pproponiet li d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD) kif ukoll id-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi (SUD) ikunu parti mill-kundizzjonalità meta dawn id-Direttivi jkunu implimentati fl-Istati Membri kollha u meta jiġu identifikati l-obbligi direttament applikabbli għall-bdiewa. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu fuq dan l-approċċ u f'dan ir-rigward ħarġu stqarrija konġunta fl-okkażjoni tal-adozzjoni tar-riforma tal-PAK.

Fl-2012, id-Diretturi Ewropej tal-Ilma[2] ħadu nota tar-rakkomandazzjonijiet mill-Grupp ta' Koordinazzjoni Strateġika u l-Kummissjoni. Id-Diretturi tal-Ilma rrikonoxxew li l-lista' ta' miżuri bażiċi proposti għandhom jiġu kkunsidrati għall-inklużjoni fil-kundizzjonalità jekk tintlaħaq deċiżjoni biex jiżdiedu d-dispożizzjonijiet tad-WFD fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill fid-diskussjonijiet tal-PAK.

Waqt l-istennija ta' din l-introduzzjoni fil-kundizzjonalità, il-koleġiżlaturi qablu wkoll biex dawn iż-żewġ Direttivi jkunu parti minn kamp ta' applikazzjoni obbligatorju tas-Sistema Konsultattiva tal-Irziezet sabiex il-bdiewa kollha kkonċernati jkollhom aċċess għall-pariri rilevanti. Għaldaqstant, l-elementi ewlenin tal-politika tal-ilma tal-UE jistgħu jiġu inklużi fil-PAK fiż-żmien adattat.

Fir-rigward tal-politika tal-iżvilupp rurali, l-għodod meħtieġa u l-mekkaniżmi huma pprovduti għall-perjodu 2014-2020 permezz tar-Regolament tal-Iżvilupp Rurali (RDR) il-ġdid – ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – u permezz ta' leġiżlazzjoni relatata.

Fi ħdan l-RDR (jiġifieri fi ħdan il-leġiżlazzjoni ewlenija nnifisha), "titjib fl-immaniġġjar tal-ilma" u "żieda fl-effiċjenza tal-użu tal-ilma mill-agrikoltura" huma elementi espliċiti tal-"prijoritajiet" li abbażi tagħhom l-Istati Membri/reġjuni jridu jfasslu l-infiq fi ħdan il-PŻR tagħhom.

Hija disponibbli firxa ta' miżuri biex jgħinu fl-ilħuq ta' dawn il-prijoritajiet– appoġġ għat-taħriġ, użu ta' pariri, investimenti, prattiki pluriennali tal-immaniġġjar tal-art u żvilupp esperimentali (inkluż fi ħdan l-Isħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-Produttività u s-Sostenibbiltà Agrikola).

Fl-aħħar nett, għandha jitqies il-fatt li l-politika tal-iżvilupp rurali għandha tindirizza firxa ta' prijoritajiet u li r-riżorsi finanzjarji huma limitati.

## Rakkomandazzjoni 2

Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

2 https://circabc.europa.eu/w/browse/25d8b24a-c247-4275-9a56-9676

**86**

Il-politika tal-ilma tal-UE hija implimentata parzjalment bis-saħħa tal-appoġġ tal-"fondi", imma parzjalment mingħajr is-saħħa ta' dan l-appoġġ (fit-twettiq tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas). Rekwiżiti legali li mhumiex iffinanzjati għandhom rwol importanti fil-pakkett kollu ta' miżuri meħtieġa biex jindirizzaw l-impatt agrikolu fuq l-ilma.

## Rakkomandazzjoni 3

**Tweġiba għall-ewwel paragrafu tar-rakkomandazzjoni 3:**
Il-Kummissjoni tikkunsidra li din ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata b'mod parzjali.

Abbażi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Ilma adottat fl-2012, il-Kummissjoni ser tkompli l-proċess tal-Istrateġija Komuni ta' Implimentazzjoni (CIS) tad-WFD, li ntlaqa' tajjeb, u li s'issa pproduċa 23 dokument ta' gwida li jidħlu fid-dettall fuq kif d-WFD għandha tiġi implimentata. Il-mandat tal-gruppi ta' ħidma tas-CIS huwa ffokat sewwa fuq it-titjib tal-kwalità tal-RBMPs u t-titjib tal-istatus tal-ilmijiet tal-UE billi jwettaq il-proposti mniżżla fil-Pjan ta' Azzjoni.

Il-Kummissjoni qiegħda ssegwi l-lakuni sinifikanti fil-miżuri meħtieġa biex tiġi implimentata d-WFD mill-Istati Membri b'mod bilaterali bil-għan li jissolvew kwistjonijiet fil-ħin għat-tieni RBMPs fl-2015. F'xi każijiet, jekk ikun hemm bżonn jinfetħu proċeduri ta' ksur.

Fl-2016, l-Istati Membri ser jirrapportaw lill-Kummissjoni l-RBMPs aġġornati tagħhom. Il-Kummissjoni ser tivvalutahom u, *inter alia* abbażi ta' dan, ser tlesti reviżjoni tad-WFD u tipproponi xi emendi meħtieġa fihom sa mhux aktar tard mill-2019, u/jew tipproponi inizjattivi oħra.

Fir-rigward tal-PŻR, waħda mill-miżuri bażiċi – l-Artikolu 9, il-politika tal-ipprezzar tal-ilma hija kundizzjonalità *ex ante* u bħala tali l-Istati Membri ser ikollhom jiżguraw li dan ir-rekwiżit huwa sodisfatt biex jiżguraw li f'ċerti każijiet jkunu jistgħu jassorbu fondi mill-PŻR.

**Tweġiba għat-tieni paragrafu tar-rakkomandazzjoni 3:**
Din il-parti tar-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

### 87 It-tieni inċiż

Il-Kummissjoni flimkien mal-EEA qegħdin jaħdmu mall-Istati Membri biex itejbu d-WISE

### 87 It-tieliet inċiż

L-implimentazzjoni korretta u effettiva tal-indikaturi agro-ambjentali tiddependi fuq il-forniment tad-dejta u l-informazzjoni tal-Istati Membri. Mingħajr din l-informazzjoni, l-indikaturi ma jistgħux jaħdmu b'mod korrett. Din il-problema ta' informazzjoni insuffiċjenti qiegħda b'mod partikolari taffettwa l-indikaturi tal-ilma.

## Rakkomandazzjoni 4

**Tweġiba għall-ewwel paragrafu tar-rakkomandazzjoni 4:**
Il-Kummissjoni tikkunsidra li din ir-rakkomandazzjoni qiegħda tiġi attwalment implimentata.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, fir-Regolament 1306/2013 ġiet introdotta sistema ġdida għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK bħala ħaġa waħda abbażi tal-objettivi tagħha. Din is-sistema għandha wkoll informazzjoni dwar il-kwantità tal-ilma użat u l-kwalità tal-ilma. Madankollu, li ssir rabta bejn il-kwalità u l-kwantità tal-ilma mal-prattiki agrikoli hija xi ħaġa kumplessa ħafna, minħabba l-firxa wiesgħa ta' prattiki agrikoli u ċirkostanzi agronomiċi madwar l-UE, il-pressjonijiet minn sorsi mhux agrikoli li wkoll għandhom impatt sinifikanti fuq il-kwalità u d-disponibbiltà tal-ilma, u l-isfidi meta jiġu attribwiti r-rabtiet kawżali. Għaldaqstant, l-ispejjeż u l-piż amministrattiv relatat mas-sistemi tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni għandhom ikunu bilanċjati b'attenzjoni meta mqabbla mal-benefiċċji relatati ma' mmaniġġjar u tfassil tal-politika mtejba.

Għall-programmi pluriennali bħalma huma l-Programmi tal-Iżvilupp Rurali, ċerti riżultati, bħalma huma l-impatti fuq il-kwalità tal-ilma jistgħu jiġu vvalutati b'mod xieraq biss meta l-perjodu tal-programmazzjoni jkun daħal sew, u wara. Tali effetti jistgħu jitkejlu biss wara li jkun għadda biżżejjed żmien minn meta tkun seħħet l-implimentazzjoni.

Il-lezzjonijiet mitgħallma mis-CMEF 2007-2013 urew li kien diffiċli ħafna li jiġu stabbiliti miri preċiżi għall-indikaturi tal-impatt bħal kwalità tal-ilma minħabba d-diversi fatturi esterni involuti. Ġew ipprovduti dokumenti ta' gwida lill-Istati Membri biex jiġu appoġġjati waqt il-kejl ta' dawn l-indikaturi tal-impatt li huma mistennija fil-valutazzjonijiet *ex post*.

Fir-rigward tal-indikaturi tar-riżultati, huwa rikonoxxut li kien hemm xi diffikultajiet biex tiġi reġistrata dejta b'mod korrett rigward l-indikatur tar-riżultat "żona taħt il-ġestjoni tal-artijiet li rnexxiet".

Taħt id-WFD, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw pressjonijiet sinifikanti u jirrapportawhom fl-RBMPs u fis-sistema WISE. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-livell li fih l-informazzjoni kienet qiegħda tiġi rrapportata ma kienx utli għall-analiżi u għaldaqstant, permezz tal-proċess tad-WFD tas-CIS, ġew diskussi bidliet li għandhom isiru fir-rekwiżiti tar-rapportar, li jippermettu ntraċċar aħjar tal-pressjonijiet u l-grad sa fejn dawn il-miżuri li qegħdin jiġu implimentati qegħdin iħallu effett.

**Tweġiba għat-tieni paragrafu tar-rakkomandazzjoni 4:**
Din il-parti tar-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas:**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

QJ-AB-14-004-MT-C ISSN 1831-0907

Il-protezzjoni tal-kwalità tar-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa ilha prijorità għall-UE sa minn tard fis-snin sebgħin. L-agrikoltura, bħala waħda mill-utenti u n-niġġiesa prinċipali tal-ilma, għandha rwol ewlieni fl-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma.
L-UE rrikonoxxiet ripetutament li l-politiki differenti tagħha għandhom ikunu koerenti u għaldaqstant tagħraf il-ħtieġa li tiżgura li l-politiki ambjentali tagħha, inkluż fir-rigward tal-ilma, ikunu appoġġati mill-Politika Agrikola Komuni. Dan l-awditu eżamina jekk l-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma ġewx integrati b'suċċess fil-PAK, u sab li dan ġara parzjalment biss.

CURIA RATIONUM

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

ISBN 978-92-872-0038-9

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet